Ħarġa nru. 73 - April 2013

# SPORTIV

B'XEJN ma' l-orizzont

Magażin Sportiv ta' kull xahar

Tliet timijiet fl-isfida
f'paġna 19



In-Nisa jiktbu l-istorja
f'paġna 16



Jittellgħu l-poloz tal-waterpolo
f'paġna 40





## Nabab du Chatelet

### jirbaħ it-Tazza l-Kbira

» Aktar f'paġna 50

• FUTBOL • BASKETBALL • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
• KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT •
• STORJA TAL-FUTBOL MALTI • SNOOKER • GOZO SPORT •

TeamSporT®

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT



U*BET®
Maltco LOTTERIES
LIVE THE GAME...
www.maltco.com | Helpline: 2388 3333
PLAY RESPONSIBLY 18+



## April

Qed noqorbu lejn tmiem l-istaġun u għaldaqstant l-indikazzjonijiet ta' fejn sejrin (jew marru) l-unuri tad-dixxiplini sportivi huma ċari ħafna.

Iżda l-Kampjonat Premier kif ukoll dak tal-basketball tal-Irġiel u tan-Nisa għadhom indeċiżi. Il-Kampjonat Premier se jkun missielet bejn it-tliet timijiet ta' Birkirkara, Hibernians u Valletta fejn dawn tal-aħħar iridu jilagħbu, f'konfronti diretti, kontra l-istess Birkirkara u Hibernians.

Proprju għada, tintlagħab l-aħħar logħba deċiżiva tal-final tal-basketball hekk kif Floriana u Athleta jinsabu fi draw ta' 2-2.

Fil-kategorija tan-Nisa, Rabat Depiro għandhom vantaġġ ta' logħba (minn ħamsa) fuq Luxol.

L-attrazzjoni ewlenija matul dan ix-xahar kienet il-kwalifikazzjoni storika tat-team nazzjonali tal-Futbol tan-Nisa għall-Fażi tal-Gruppi tat-Tazza tad-Dinja, 2015.

Dan minbarra r-rebħ tat-Tazza l-Kbira minn Nabab du Chatelet, fit-Tiġrijiet taż-Żwiemel.

Dan kollu u ħafna sport ieħor issibuh fl-aktar magażin sportiv popolari fil-Gżejjer Maltin ....

Jesmond Moore - Editur




# Irbaħ ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ it-Tazza l-Kbira fit-Tiġrijiet taż-Żwiemel?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2012:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 72 hija:*
**Bulgarija u Italja**
*u r-rebbieħa huma (1) Lisa Portelli - Marsaxlokk (2) Arthur Galea - Fgura (3) Joanne Pisani - Birkirkara*




2




1




3


LAFERLA INSURANCE AGENCY LTD.
HAS TEAMED UP WITH AIRMALTA
TO GIVE AWAY 2 CLUB CLASS
RETURN TICKETS
TO LONDON
HEATHROW
airmalta.com
LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED
airmalta
The airline of the Maltese Islands
airmalta
Boarding Pass
• 2 CLUB CLASS FLIGHTS TO LONDON HEATHROW.
• Access to La Valette Lounge in Malta.
• Access to Etihad Lounge in London Heathrow.
• Valid for return travel between 1st June 2013 and 31st May 2014.
WIN
THE TRIP
of your
DREAMS
To participate, visit Laferla's or Air Malta's
Facebook Page and find the Competition Tab








SPORTIV


Ħarġa nru 73
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Union Print**
Union Print Co. Ltd
Marsa Tel: 25900265



**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Reklamar**
Alfred Caruana (Manager)
acaruana@unionprint.com.mt

Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com

Jason Penza
jpenza@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Ray Attard u Roger Azzopardi


*Cover - Dr. Stefan Buontempo jippreżenta t-Tazza l-Kbira lis-sid ta' Nabab du Chatelet (Ritratt - Alex Azzopardi)*


UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta


# Werrej


4 **MFA**
Tkompli l-ħidma tal-Assoċjazzoni Maltija tal-Football

14 **U17 Easter Tournament**
Tliet telfiet għall-Maltin

16 **Tazza tad-Dinja 2015**
Kwalifikazzjoni storika għat-team nazzjonali tan-Nisa

18 **Settur tal-Youths**
Malta megħluba darbtejn

19 **Premier**
Tliet timijiet fit-taqtiegħa għar-rebħ tal-Kampjonat

24 **L-Ewwel Diviżjoni**
Vittoriosa Stars promossi

26 **It-Tieni u t-Tielet Diviżjoni**
Zebbug R. Champions u Senglea A. u Mdina K. promossi

28 **Youth FA**
Impenn mill-Youth F.A. u Nurseries

28 **Kunsill Malti għall-Isport**
L-ewwel impenji

38 **A public health approach to sports injury prevention**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

40 **Waterpolo**
Suċċess kbir għat-Team Nazzjonali Malti

42 **Rugby**
Logħbiet diffiċi għal Malta

44 **Gozo Sports**
Nadur Youngsters għall-ħames darba

46 **Basketball**
Il-Finali għar-rebħ tat-titlu bejn Floriana u Athleta

48 **Snooker**
Brisn Cini eliminat fir-round tal-Aħħar 32

50 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Nabab du Chatelet jirbaħ it-Tazza l-Kbira

52 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Tony Nicholl iħabbar li rtira mill-football

54 **Storja tar-Regatta**
It-Tiġrija tal-Vitorja - L-Erbatax-il Parti

56 **Spot the Ball u Tisliba**
Irbaħ ma' SPORTIV



Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-gurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

mfa.com.mt



# It-tim nazzjonali Malti
## fi żjara ta' kortesija lill-PM





**Il-President tal-MFA Norman Darmanin Demajo u l-Kap Eżekuttiv Bjorn Vassallo, kellhom laqgħa kordjali ħafna mal-Prim Ministru, Dr Joseph Muscat, fil-Berġa ta' Kastilja lejlet il-logħba li Malta lagħbet kontra l-Italja, f'Ta' Qali, lejn l-aħħar ta' Marzu.**

Għal din il-laqgħa kienu wkoll preżenti l-plejers tat-tim nazzjonali, il-kowċ Pietro Ghedin, id-Direttur Tekniku Robert Gatt, it-Team Manager Ivan Vella u persuni oħra li jaħdmu fiċ-Ċentru Tekniku tal-MFA.

Matul din iż-żjara ta' kortesija, il-captain tat-tim Malti, Michael Mifsud, introduċa lill-plejers b'mod individwali lill-Prim Ministru, filwaqt li l-President tal-MFA ippreżenta lil Dr. Joseph Muscat b'ballun uffiċjali ffirmat mill-plejers kollha tat-tim nazzjonali.




# Il-Fan Park kien FANtastiku

**Fan Park FANtastiku - Din kellha tkun id-deskrizzjoni adattata għall-attività li saret mal-logħba mill-preliminari tat-Tazza tad-Dinja 2014, bejn Malta u l-Italja, f'Ta' Qali nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu.**

Partitarji Maltin tal-futbol, ta' kull età u ġeneru, inġabru biex jieħdu sehem f'dan l-avveniment ikkulurit li beda minn kmieni qabel intlagħbet din il-partita hekk importanti.

Din l-attività saret fl-MFCC u kellha laqta tal karattru Malti fejn dawk li ppakkjaw l-Istadium Nazzjonali u l-oħrajn li għażlu li jsegwu l-logħba minn taħt it tinda iddevertew bis sħiħ f'dan l-avveniment uniku.

L-eċċitament, il-kuluri, l-emozzjonijiet, il-korjeografija u l-entużjażmu li kien hemm fil-Fan Park kabbar is-sbuħija tan-nofs ta' nhar iddedikat għall-futbol u d-divertiment.

Il-folla kbira fl-Istadium Nazzjonali tat appoġġ straordinarju lit-tim nazzjonali Malti u l-plejers irrispondew b'wirja denja kontra ġgant fil-futbol mondjali u internazzjonali.

Ir-ritratti li ttieħdu f'din l-okkażjoni jitkellmu waħedhom fejn kull ritratt huwa storja fih innifsu. Minn dawn ir-ritratti kien hemm ħafna u ma kinetx faċli li jintgħażel wieħed paritkolari.

L-MFA tirringrazzja lill-partitarji kollha li attendew taħt it-tinda u li kienu kapaċi jagħmlu suċċess minn din l-inizjattiva. L-avveniment niżel tajjeb ħafna b'mod speċjali ma' dawk li riedu jkunu parti mill-atmosfera u l-entużjażmu fl-Istadium Nazzjonali imma ma kienx irnexxielhom jakkwistaw biljett biex ikunu fost il-folla ta' 18,000 persuna li attendiet għal-logħba li spiċċat bl-iskor finali ta' 0-2 favur l-Italja.

Grazzi kbira tmur lill-isponsors ewlenija tat-tim nazzjonali Malti, jiġifieri l-FXDD u Cisk Lager, li permezz tagħhom kien possibbli biex din l-attività setgħet tkun organizzata.









# Training camp ieħor f'Malta minn uffiċjali mill-Irlanda ta' Fuq



**Wara relazzjonijiet mill-qrib bejn l-MFA u l-Federazzjoni tal-Irlanda ta' Fuq, grupp ta' 40 uffiċjal u osservaturi tar-referees, immexxija minn Alan Snoddy Kap tas-settur tar-Refereeing fl-Irlanda ta' Fuq, kienu f'Malta għat-training-camp tax-xitwa.**

Din kienet it-tieni darba li Malta intgħażlet għal dan l-avveniment annwali f'dawn l-aħħar ħames snin.

Matul it-training camp, ir-referee tal-FIFA Arnold Hunter, mgħejjun mill-assistenti referees Richard Storey u Ken Ross, ikkontrollaw il-logħba ta' ħbiberija ta' Taħt il-21 sena bejn Malta u l-Awstrija li ntlagħbet fil-Hibernians Stadium, f'Kordin. Analiżi fil-fond tal-kontroll tar-refeees saret l-għada tal-logħba u din kienet parti mportanti minn dan it-training-camp.

L-Elite referee, Trustin Farrugia Cann, kien mistieden jattendi għal dan it-training-camp, waqt li r-referees Maltin u l-assistenti referees fuq il-lista tal-FIFA, kienu fi kwizz soċjali flimkien mar-referees Irlandiżi.

Il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, kien mistieden jagħmel id-diskors tal-ftuħ u wara li ta merħba lis-sieħba Irlandiżi, semma' l-fatt li dan il-programm ta' skambju bejn iż-żewġ pajjiżi kien inizjattiva suċċess mhux biss mal-Irlanda ta' Fuq imma ma' pajjiżi oħrajn Ewropej. Il-President tal-MFA enfasizza li dawn l-inizjattivi huma parti mill-promozzjoni ta' turiżmu sportiv fil-Gżejjer Maltin.

Minbarra sessjonijiet ta' natura teknika, l-uffiċjali Irlandiżi għamlu sessjonijiet ta' prattika fil-faċilitajiet ta' taħriġ ta' Pembroke Athleta FC.

Waħda minn dawn is-sessjonijiet ta' prattika tmexxiet minn Philip Agius, fejn tkellem l-iktar dwar il-movimenti tal-assistant referees, il-pożizzjonijiet li jridu jieħdu u kif ukoll dwar it-teħid tad-deċiżjonijiet.

Fi tmiem dan it-training camp, Alan Snoddy esprima s-sodisfazzjon li għażlu lil Malta bħala destinazzjoni għal dan l-avveniment importanti għall-ogħla uffiċjali u osservaturi tar-referees u awgura aktar kollaborazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi.

# Wirjiet tajba minn Franco Cachia fit-Turkija

**Waqt laqgħa tal-Kunsill tal-MFA, il-President Norman Darmanin Demajo irrefera għar-rapport mill-UEFA dwar il-wirjiet pożittivi li kellu Franco Cachia waqt logħbiet minn grupp ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew tal-Futsal li ntlagħab fit-Turkija.**

F'dan it-tournament, Cachia kkontrolla ma' wieħed mill-aqwa referees tad-dinja, l-Ispanjol Fernando Gutierrez Lumbreras u kiseb punteġġi straordinarji ta' 8.4 fil-logħba Turkija vs Slovenja, 8.6 fil-loghba Slovenja vs Ukrajna u 8.5 fil-logħba Turkija vs Ukrajna.

L-ewwel żewġ logħbiet kienu deskritti bħala diffiċli mill-osservatur tal-UEFA li kien qiegħed jagħti l-punti lill-uffiċjali.

Fit-tielet logħba, ir-referee Malti kien imfaħħar għall-kundizzjoni fiżika tajba tiegħu, għall-pożizzjonijiet perfetti u d-deċiżjonijiet eċċellenti li kellu jieħu. Dawn ir-rapporti jawguraw tajjeb għar-referee Malti, Franco Cachia, li bħalissa jifforma parti minn lista tar-referees internazzjonali tal-ewwel Kategorija tal-UEFA għad-dixxiplina tal-Futsal.



## Ir-referee Esther Azzopardi tirreffja fl-Iskozja

**Il-UEFA ħatret lir-referee Maltija, Esther Azzopardi, biex tikkontrolla logħbiet mir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew tat-tfajliet ta' Taħt id-19-il sena.**

Il-logħbiet kienu minn Grupp 3 liema mini-tournament kien wieħed kwadrangulari, ospitat mill-Iskozja u li kien jinkludi wkoll lid-Danimarka, l-Ukrajna u l-Awstrija.

Ir-referee Azzopardi, flimkien ma' Angela Kyriakou, li ntgħażlet bħala l-assistenta tagħha, serviet ukoll bħala r-raba' uffiċjal fit-tliet logħbiet l-oħra.

Ir-referees l-oħra kienu Knarik Grigoryan mill-Armenja, Leen Martens mill-Belġju filwaqt li l-assistenti l-oħrajn kienu Araksya Saribekyan tal-Armenja u Stephanie Forde tal-Belġju. Jennifer Carbery u Lorraine Clark tal-Iskozja kellhom l-irwol tar-raba' uffiċjal.

## Uffiċjali f'mini tournament tat-Tazza tad-Dinja tan-Nisa

**L-Elite referee Trustin Farrugia Cann u l-Elite assistant referee Albert Borg Cardona, kienu mpenjati waqt tournament preliminari tat-Tazza tad Dinja tan-Nisa, 2015, li ntlagħab f'Malta.**

F'dan il-mini-tournament ħadu sehem ukoll l-Albanija, il-Lussemburgu u l-Latvja. Il-logħbiet ġew ikkontrollati minn referees mis-Slovakkja, mir-Rumanija u mill-Kazakhstan.

Farrugia Cann serva bħala r-raba' uffiċjal waqt li Borg Cardona kien assistent referee fit-tliet logħbiet li fihom ma lagħbitx Malta.



## Uffiċjali Maltin jattendu kors tal-UEFA għar-referees

**Ir-referee tal-FIFA Alan Mario Sant u l-Assistant Referee tal-FIFA Mitchell Scerri għadhom kemm temmew b'suċċess l-ewwel CORE Development Course organizzat mill-UEFA, fil-kwartieri ġenerali f'Nyon, fl-Isvizzera.**

Dan il-kors ta' gimgħa kien jikkonsisti f'taħlita ta' teorija u prattika fejn Alan Mario Sant u Mitchell Scerri ifformaw parti minn grupp selettiv ta' uffiċjali minn madwar l-Ewropa li jippossiedu talent li javvanzaw fil-karriera internazzjonali tagħhom. Il-kowċis Ingliżi, Peter Jones u Philip Sharp, intgħażlu biex isegwu l-potenzjal u l-progress tar-referees Maltin.

F'kull jum kien isir taħriġ ta' fitness u eżerċizzji prattiċi waqt li kmieni filgħodu kienu jiċċekkjaw il-piż, il-kompożizzjoni tal-gisem, il-prevenzjoni kontra xi korriment, l-istil tal-ġiri u diversi eżerċizzji oħrajn relatati mal-uffiċjali tal-logħba.

Fl-aħħar jum, il-parteċipanti tal-kors ġrew il-Yo-Yo Fitness Test. Mitchell Scerri kien wieħed minn żewġ assistants fost is-16 li ħadu sehem li kiseb klassifikazzjoni eċċellenti.

Il-programm kien wieħed intensiv, bl-iskop ewlieni jkun it-titjib u l-iżvilupp tal-karriera kif ukoll l-importanza tal-progress tar-referees. Is-suġġetti kienu jinkludu s-simulazzjoni, il-handsball, ir-regola tal-vantaġġ, il-kollettività u l-preparazzjoni għal-logħba.

Barra minn hekk, saru diskussjonijiet informali ma' kowċis u l-analiżi tal-logħbiet ta' tmiem il-ġimgħa, ikkontrollati mill-parteċipanti fil-gruppi waqt li saret ukoll laqgħa għall-uffiċjali kollha flimkien.

Bħala parti mill-kors, Alan Mario Sant u Mitchell Scerri, ikkontrollaw ukoll logħba mill-Kampjonat Svizzeru bejn FC Montreux u FC Lutry taħt għajnejn iż-żewġ kowċis Ingliżi, Jones u Sharp, u membru mill-Kumitat tar-Referees tal-UEFA, Kyros Vassaras.



# Inżergħet iż-żerriegħa li l-istudji akkademiċi u l-isport imorru flimkien

**Dawk li jikkontendu li l-istudji akkademiċi u l-isport ma jistgħux jeżistu flimkien f'armonija għal darb'oħra kienu ppruvati ħażin.**

L-esperjenza uriet li mhux biss jistgħu jikkumplimentaw lil xulxin imma huwa ppruvat li flimkien jagħtu garanzija ta' suċċess fil-formazzjoni holistika taż-żgħażagħ.

L-isport jikkumplimenta l-istudji. Il-valuri ta' dan huma komponenti importanti u huma elementi li wieħed ikompli fl-edukazzjoni akkademika u fl-istess ħin jirnexxi fi kwalunkwe dixxiplina sportiva.

Fl-aħħar snin, atleti li laħqu l-quċċata tal-isport lokali biex jirrappreżentaw lil Malta u jkollhom suċċess fil-karriera professjonali, kompliew jiżdiedu u eventwalment dawn spiċċaw ikunu ta' eżempju għall-oħrajn. Il-lista testendi minn futbol, għawm, basketball, atletika, triathlon u dixxiplini oħrajn.

Eżempju ċar ta' studenti li qed ifittxu li jkomplu jistudjaw, meta jkunu barra mill-pajjiż jirrappreżentaw lil Malta, kien dak ta' grupp ta' ġuvintur mat-tim ta' Taħt is-16-il sena u grupp ieħor ta' plejers tal-futbol nisa li pparteċipaw f'isem Malta fil-UEFA Youth Development Tournament, li sar f'Chalkida, fil-Greċja.

Huma ppreżentaw eżempju perfett x'jista' jsir meta jkun hemm kollaborazzjoni bejn kulħadd, tant, li spiċċaw jagħmlu l-eżamijiet waqt li kienu barra minn Malta jieħdu sehem f'kompetizzjoni internazzjonali.

Dan kollu seta jimmaterjalizza permezz tal-ħidma li wettaq Jesmond Abela, manager fl-operat taċ-Ċentru Tekniku tal-MFA, li għen biex fit-tielet ġimgħa ta' Marzu dawn it-timijiet marru l Greċja u filwaqt li lagħbu l-futbol, attendew ukoll għall-eżamijiet akkademiċi barra minn xtutna.

Abela qal li qabel ħallew Malta, il-ġenituri tat-tfal kienu nkwetati li kien hemm possibbiltà li t-tfal joqogħdu għall-eżamijiet f'Chalkida, iżda b'kordinazzjoni f'waqtha kollox kien ippjanat biex it-tfal ma jħossux id-distakk li l-eżamijiet setgħu isiru f'pajjiż barrani. Dan seta' jsir biss bil-kollabroazzjoni sħiħa ta' Dario Pirotta,



il-Professur Frank Ventura, Kap tal-Bord tal-Matsec u Sean Pollacco, biex kollox kien ipprogrammat sa l-inqas dettal. Il-Griegi ikkoperaw bis-sħiħ u permezz ta' assistenti kompetenti ikkoordinaw il-logistiċi kollha meħtieġa.

Abela qal li kollox mexa perfettament biex finalment il-ġenituri esprimew il-gratitudni lejn il-Bord tal-Matsec, l-MFA u l-awtoritajiet tal-edukazzjoni fil Greċja.

M'hemmx dubju li dan kien każ ta' ħidma perfetta bejn l-istudju u r-rikreazzjoni u li fih iż-żgħażagħ tagħna pparteċipaw bl-aħjar mod.

Dan kien eżempju ċar kif tista ż-żerriegħa biex tibda tixxettel ix-xitla ta' studji akkademiċi u l-isport fl-istess ħin.



# L-MFA taddotta kelb bħala mascot tat-timijiet nazzjonali







**Il-futbol huwa awtomatikament assoċjat mal-valuri tar-rispett u l-Fairplay. Proprju l-MFA imxiet fuq dawn il-linji biex dan il-messaġġ jasal għand is-soċjetà b'sinifikat qawwi.**

L-MFA dejjem tfittex li l-popolarità tal-futbol tgħin biex permezz tagħha jkunu ndirizzati diversi temi mportanti li jwasslu biex ngħixu f'soċjetà aħjar. Fost dawn it-temi hemm il-prevenzjoni tal-krudeltà tal-annimali.

L-istorja bdiet wara artiklu ppubblikat fil-gurnal The Times of Malta, irrapporta li kelb tħalla marbut ma' xatba tal-injam fil-Mellieħa, fejn għadda l-lejl espost għall-elementi tax-xita u l-kesħa. Il-kelb ġie salvat minn Fabio Ciappara, mis-santwajru tal-annimali Noah's Ark, li qal li hu sar jaf bil-kelb wara rapport li rċieva minn kaċċatur li kien fl-inħawi.

Dan il-kaċċatur ħaseb li sidu kien rabtu hemm temporanjament. Il-kelb kien marbut b'ħabel qasir inqas minn pied. Dan il-kelb hu ta' kulur iswed u huwa ppastardjat.

Dan l-artiklu ġab reazzjoni immedjata mill-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, li hu magħruf għall-imħabba li għandu lejn l-annimali, li ddeċieda li jikkuntattja lis-santwarju biex jistaqsi dwar is-saħħa tal-kelb u dwar il-possibbiltà li l-kelb ikun addottat bħala mascot tat-timijiet nazzjonali tal-futbol.

Is-Sur Ciappara laqa' t-talba u aċċetta li jikkura lill-kelb, li temporjanjament ingħata l-isem ta' 'Sunday', biex jibda x-xogħol tiegħu mal-MFA bħala mascot. Bħala apprezzament u appoġġ tax-xogħol li jsir fis-santwarju, li huwa fuq bażi volontarja, il-President tal-MFA ippreżenta għotja ta' flus.

Din hija inizjattiva ġdida li ssaħħaħ l-impenn tal-Assoċjazzjoni għar-responsabbiltaijiet soċjali li jkomplu jkabbru l-popolarità tal-futbol f'pajjiżna b'mod differenti mill-modi tradizzjonali.

Fil-preżent, membri tal-pubbliku huma mistiedna li jżuru s-santwarju Noah's Ark li jinsab qrib Paradise Bay biex jiltaqgħu ma' 'Sunday' u jsegwu l-progress li qed jagħmel kuljum wara dak li għadda minnu.

Permezz ta' din l-inizjattiva l-MFA tat ezempju li għandu jkun segwit mis-soċjetà, mhux inqas mit-tfal, li għandhom jittellgħu f'ambjent li l-annimali għandhom jkunu maħbubin u rrispettati.

# Azzjoni konkreta kontra l-korruzzjoni



**Il-ħtiega li l-korruzzjoni fl-isport tkun indirizzata f'livell għoli issa qiegħda tinħass ħafna aktar minn qabel. Il-match fixing, frodi, imħatri illeċiti u prattiċi oħra ħżiena saru parti essenzjali ta' ħafna gruppi kriminali madwar id-dinja.**

Bosta Assoċjazzjonijiet sportivi fl-Ewropa għamlu diversi sforzi biex jikkumbattu dawn il-prattiċi ħżiena u f'dan ir-rispett il-UEFA kienet minn ta' quddiem biex tfassal pjan. L-MFA ukoll sabet bosta problemi ma' wiċċha li huma relatati mal-match-fixing u ilha għal dawn l-aħħar xhur tikkumbatti lil dan il-fenomenu qarrieqi. Il-ġlieda hija kbira u biex l-MFA tissaħħaħ aktar matul il-ġimgħat li ġejjin mistennija taħtar task-force bl-inklużjoni tal-Gvern Ċentrali, il-Pulizija, l-LGA (Lotteries & Gaming Authority) u kif ukoll l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-istess MFA.

Intant, matul l-aħħar jiem, il-President tal-UEFA Michel Platini għamel żjara importanti lil Josè Manuel Barroso, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, biex jiddiskutu l-isfidi li l-futbol fl-Ewropa qiegħed jiffaċċja, fosthom il-problema kbira tal-korruzzjoni. Il-Parlament Ewropew issejjaħ jieħu azzjoni u addotta riżoluzzjoni li titlob għal konfront komuni minn dawk li qed jiġġieldu kontra l-match-fixing fil-futbol u f'kull sport ieħor.

Il-UEFA addottat politika ta' tolleranza zero f'kull forma ta' prattiċi ta' frodi li jwasslu għall-match-fixing. Il-UEFA hija ferm pro-attiva f'dan is-sens kif juru d-diversi inizjattivi li ħadet biex tindirizza dawn il-prattiċi llegali.

Waħda minn dawn hija l-Betting Fraud Detection System (BFDS) li tissorvelja mal-2,000 logħba f'kompetizzjonijiet tal-UEFA kull staġun u kif ukoll issegwi mat-30,000 logħba mill-kampjonati domestiċi tat-53 Assocjazzjoni nazzjonali.

Biex kull Assocjazzjoni ssegwi kull gwida tal-UEFA f'dan ir-rigward, il-UEFA ħatret Integrity Officers biex b'ħidma kontinwa joperaw f'dan l-aspett u eventwalment isaħħu l-iskambju ta' informazzjoni bejn pajjiż u ieħor.

L-Integrity Officer tal-MFA, Franz Tabone, huwa wieħed minn dawk il-persuni fl-Ewropa li, bis-saħħa tiegħu, qiegħed jinħoloq għarfien ġdid dwar l-operat illegali tal-gruppi kriminali. Fil-fatt, f'kumment li għadda dwar il-ħtiega li l-Kummissjoni Ewropeja tagħmel enfasi b'saħħitha fuq il-pajjiżi membri, huwa saħaq li dan kollu huwa prijorità għal kull min iħobb il-futbol. Huwa rrefera għar-riżoluzzjoni tal-UE u qal li din kienet ilha mistennija u issa hemm bżonn li din tiġi implimentata malajr għaliex l-attività kriminali qed tkompli tiżdied.

Il-Kummissjoni Ewropeaa u l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropeaa kienu mitluba li kemm jista' jkun malajr jibdew koperazzjoni mal-pajjiżi tat-tielet dinja, mhux membri fl-Unjoni Ewropea, biex jiġġieldu kontra l-kriminalità organizzata u jkunu front wieħed f'din il-battalja diffiċli.



# Kellogg's tisponsorja ċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni tal-Għawwiema żgħażagħ fl-MFA

**Fl-impenn tagħha biex tippromwovi l-isports u l-attività fiżika fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa Maltija, Kellogg's, l-aqwa produttur taċ-ċereali tal-kolazzjoni, sponsorjat il-preżentazzjoni taċ-ċertifikati ġewwa l-indoor swimming pool tal-Malta Football Association, f'Ta' Qali.**

Il-preżentazzjoni saret fil-kumpless ġewwa l-Millennium Stand, fejn 200 għawwiema żgħar ingħataw iċ-ċertifikati tat-tmiem il-kors flimkien ma' ċertifkat dwar il-progress li għamlu mill-instructors fil-preżenza tal-ġenituri u qraba tagħhom, kif ukoll il-maskott ta' Kellogg's Coco the Monkey.

Il-korsijiet tal-għawm ikopru diversi ħiliet fosthom il-kontroll u ż-żamm tan-nifs, il-ko-ordinazzjoni tal-ġisem, u eżerċizzji ta' qdif 'il quddiem u b'lura. It-tfal jitqassmu f'wieħed mis-sitt gruppi disponibbli skond il-ħilijiet tal-għawm u l-età tagħhom.

"L-għan tagħna hu li nippromwovu l-importanza ta' stil ta' ħajja b'saħħitha u li nkunu fiżikament attivi fost dawn it-tfal. Dawn il-korsijiet tal-għawm jipprovdu l-ewwel pass fid-direzzjoni t-tajba. Il-parteċipanti wrew progress tajjeb matul il-kors kollu u aħna nawguraw li huma jkomplu bit-taħriġ tagħhom fuq bażi regolari," qal Catalin Stan, manager tas-Swimming Pool.

Kellogg's huwa l-aktar prodottur taċ-ċereali magħruf mad-dinja kollha u jagħti lill-adulti u t-tfal in-nutrijenti neċessarji u l-vitamini biex jibdew il-ġurnata bit-tajjeb.

"Kellogg's jemmen bil-qawwa kollha fl-inkoraġġiment ta' stil ta' ħajja attiva u b'saħħitha minn età zgħira. Dieta b'saħħitha u bilanċjata flimkien ma' eżerċizzju regolari jgħinu jtejbu l-ħajja tal-persuna irrispettivament mill-età. L-isponsorship ikompli jsaħħaħ l-impenn tagħna lejn li nippromwovu stil ta' ħajja b'saħħitha mal-ġenerazzjoni żagħżugħa Maltija," qal kelliemi għall-Kellogg's.

Ir-rappreżentanti ta' Kellogg's ippreżentaw lill-għawwiema żgħażagħ b'rigal minn Kellogg's.

Aktar tagħrif dwar il-korsijiet tal-għawm fl-indoor swimming pool tal-MFA jista' jinkiseb mir-reception fuq 23386400 jew b'email fl-indirizz elettroniku catalin.stan@mfa.com.mt jew swimmingpool@mfa.com.mt. Wieħed jista' wkoll jżur il-website tal-MFA.











# Rappreżentanza M fl-għaxar UEFA Gra

**Malta kienet irrappreżentata fost it-53 membru tal-UEFA permezz ta' Maria Mifsud, Deputat Segretarju Ġenerali tal-MFA, u Joe Micallef, Segretarju Generali tal-Youth FA u membru fl-Eżekuttiv tal-MFA.**

Fil-ftuħ ta' dan il-programm tkellmu Yngve Hallen, president tal-FA Norveġiża, u Per Ravn Omdal, membru onorarju tal-UEFA u ambaxxatur tal-Grassroots għall-UEFA. It-tnejn tkellmu dwar l-importanza ta' dan is-settur u li kieku ma kienx għal dan, żgur li ma kienx ikun hemm l-Elite Football; dan apparti l-ġid soċjali li jsir permezz tal-Grassroots Football.

Kienu diversi l-preżentazzjonijiet li ġew ippreżentati, fosthom dwar il-futbol tan-Nisa, il-futbol għal persuni b'diżabbiltà, il-futsal, programmi fi skejjel, is-sehem tal-voluntiera fil-Grassroots Football u l-Elite Football għaż-żgħażagħ u l-kowċis.

Matul din il-gimgħa, il-UEFA ħabbret ir-rebbieħa tal-Grassroots Day Awards, li għal din is-sena kienu ddikjarati rebbieħa l-Olanda bil-Gold Award, fejn erba' timijiet meqjusa bħala rivali fil-football tan-Nisa f'reġjun fl-Olanda, warrbu kull pika u ingħaqdu biex iwasslu messaġġ ċar fejn il-futbol jgħaqqad u mhux jifred.

It-tieni unur, dak tas-Silver Award, ġie mirbuħ mill-Ungerija, filwaqt li fit-tielet post bil-Bronze Award spiċċaw it-Turkija.

Il-pajjiżi kollha ngħataw iċ-ċans li jippreżentaw xi proġett fil-grassroots football, bl-aktar tliet proġetti effettivi jingħataw dawn l-unuri.

Għal din iċ-ċerimonja tat-tqassim tal-unuri kien mistieden il-leġġendarju player nazzjonali Taljan Gianni Rivera, li llum jokkupa l-kariga ta' Direttur Tekniku taż-Żgħażagħ fl-Italja.

Fid-diskors tiegħu, Rivera qal li kien fortunat li beda l-futbol wara t-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija, fejn il-futbol kien kollox għax ma kien hemm xejn x'itellfu.

Huwa fisser li dejjem kellu l-passjoni lejn il-logħba u dan kien wieħed mill-prinċipji li wasslu lejn is-suċċess fil-karriera tiegħu. Kien proprju dan il-messaġġ li ried jibgħat lil miljuni ta' tfal u żgħażagħ li jipprattikaw din il-logħba.

F'żewġ sessjonijiet ta' prattika, wieħed fl-Ullevaal Stadium, fejn ipparteċipaw l-iskejjel tal-football ta' Skedsmo FK, u FK Lyn, u sessjoni oħra, fl-iskola tal-futbol ta' Heming, il-parteċipanti kellhom l-opportunità li jaraw sessjonijiet differenti ta' taħriġ minn etajiet differenti, kif ukoll bil-





## Matul dan ix-xahar f'Oslo fin-Norveġja inżamm l-għaxar UEFA Grassroots Programme.

# altija ssroots Programme

parteċipazzjoni tat-timijiet tat-tfajliet, fejn fin-Norveġja qed isir progress kbir bin-numru ta' tfajliet jilagħbu dejjem jikber.

Malta kellha l-unur tiġi mistiedna sabiex taqsam l-esperjenza tagħha fil-futbol tan-Nisa. Maria Mifsud tkellmet f'isem Malta flimkien ma' tliet pajjiżi oħra, il-Montenegro, l-Islanda u l-Belarus.

L-MFA, flimkien ma' dawn il-pajjiżi, iddiskutew il-programmi tal-aħħar snin ta' tisħiħ fil-futbol tan-Nisa b'forma ta' forum li kien immexxi minn Karen Espelund, membru fil-Kumitat tal-UEFA u responsabbli mill-futbol tan-Nisa fl-Ewropa.

Fernando Hierro, Stig Inge Bjornebye u Ioan Lupescu, ex-plejers ta' fama u li llum qed jgħinu l-Assoċjazzjonijiet tagħhom fil-qasam tal-Grassroots, ippreżentaw l-esperjenzi u l-opinjonijiet tagħhom dwar il-futur tal-futbol.

Ħaġa komuni li ħarġet kienet kif dawn il-plejers kollha ħarġu mill-Grassroots Football, għaddew minn żmien diffiċli biex sabu posthom fit-timijiet, iżda li b'sagrifiċċju, determinazzjoni u passjoni, irnexxielhom jaslu fejn waslu fil-qofol tal-karriera tagħhom, u fejn issa jridu jittrasmettu dawn l-esperjenzi u l-ideat lil tant u tant tfal u żgħażagħ fil-pajjiżi rispettivi tagħhom.

Discussion Groups bil-parteċipanti jaqsmu l-opinjoni tagħhom dwar iċ-Charter preżenti tal-UEFA għall-Grassroots, kif ukoll il-ħsieb li minfloku tidħol sistema ta' stilel bħalma diġà hemm f'xi pajjiżi, ħalla lok għal aktar diskussjoni miftuħa għall-panel ta' esperti preżenti li sal-aħħar ta' din is-sena jridu jressqu draft finali ta' tibdil, biex jiġi approvat mill-Eżekuttiv tal-UEFA u eventwalment mill-pajjiżi membri.

Dan kollu jġib miegħu opportunità ta' aktar diskussjoni anki fil-kamp lokali u kontinwazzjoni fir-riformi f'dan is-settur hekk importanti li, bla dubju, l-MFA qiegħda tant tagħti importanza massima lejh. Kollox ma' kollox kien jidher ukoll li kulħadd għandu problemi komuni, iżda li jvarjaw mid-daqs u l-qagħda ġeografika tal-pajjiż.

Is-sit elettroniku uefa.com intervista liż-żewġ rappreżentanti Maltin bil-lingwa Maltija u dik Ingliża, biex aktar 'il quddiem ikun jista' jtella' dawn l-intervisti dwar l-organizzazzjoni tal-finali tal-UEFA ta' Taħt is-17-il sena li se jsiru f'Malta, f'Mejju 2014, kif ukoll dwar il-benefiċċji miksuba minn pajjiżi żgħar bħal Malta miċ-Charter tal-UEFA.

# Tliet telfiet għall-*Maltin*



Il-viċi-president tal-MFA Alex Manfrè jippreżenta t-Tazza lill-captain ta' Ċipru, Andreas Fragkou

**Matul il-btajjel tal-Għid il-Kbir ġie organizzat tournament kwadrangulari internazzjonali ta' Taħt is-17-il sena, mill-Malta Football Association, li kien jinkludi wkoll it-timijiet ta' Ċipru, Greċja u l-Irlanda ta' Fuq.**

Kien tournament li jifforma parti mill-preparazzjoni għall-Fażi Finali tal-Kampjonat Ewropew ta' din il-kategorija li se ssir proprju, f'pajjiżna, fis-sajf tas-sena d-dieħla.

Kollox ma' kollox, kien tournament diżappuntanti għall-Maltin fejn sofrew tliet telfiet u għaldaqstant ma kisbu l-ebda punt.

Wieħed irid iqis li fil-Fażi Finali, il-Maltin iridu jiffaċċjaw minn fost l-aqwa timijiet fl-Ewropa u għaldaqstant hemm ħafna xogħol xi jsir.

Fl-ewwel partita, li ntlagħbet fil-Gozo Stadium, Malta sfat megħluba mill-Irlanda ta' Fuq (1-0), f'partita mill-aktar bilanċjata. Iżda fit-tieni logħba, il-Griegi kienu superjuri għall-Maltin meta ħarġu rebbieħa bi tliet goals mingħajr l-ebda risposta.

Kien fit-tielet konfront li l-players Maltin irnexxielhom isibu x xibka avversarja, fit-telfa ta' 4-2 kontra Ċipru. Dawn il-goals waslu minn Aidan Friggieri, b'wieħed minnhom minn penalty.

**Kif Spiċċaw**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ċipru | 3 | 3 | 0 | 0 | 7 | 3 | 9 |
| Greċja | 3 | 2 | 0 | 1 | 6 | 2 | 6 |
| Irlanda | 3 | 1 | 0 | 2 | 1 | 3 | 3 |
| Malta | 3 | 0 | 0 | 3 | 2 | 8 | 0 |



Malta

*Wara* - Mikhail Sciberras, Jake Grech, Daniel Buckle, Nick Ghio, Mirco Vella, Conor Borg
*Quddiem* - Jacob Walker, Juan Carlos Corbolan, Joseph Mbong, Aidan Friggieri, Neil Spiteri


Ċipru


Greċja


Irlanda ta' Fuq

**Logħba Nru 1 - 28.03.2013 - 11.00 hrs**

**Malta** 0

**Irlanda ta' Fuq** 1
B. Doherty 22

HT 0-0 **Gozo Stadium**

**Malta** – Mikhail Sciberras (Jamie Azzopardi 55), Daniel Buckle, Nick Ghio, Conor Borg, Neil Spiteri, Aidan Friggieri (Mauro Sultana 80), Jake Grech, Joseph Mbong (Kyrian Nwoko 41), Juan Carlos Corbolan (Matthew Gullaumier 54), Mirco Vella, Jacob Walker (Gianfranco Micallef 33)
*Coach* – Sergio Soldano
**Irlanda ta' Fuq** – Patrick Molloy, Ben Hall, Callun Byers (Lorcan Mallon 41), Ethan Sweeney (William Donaghy 64), Ben Doherty, Emmet Hargan (Joshua Lynch 64), Gary Larvery, Cormac Deery (Eoin McKeown 51), Harry Clarke (Andrew Mooney 58), Jonathan Dallas (Jamie Dunn 74), Jordan Thompson
*Coach* – Marlin Conor
Referee – Mario Apap
Assistenti – Paul Apap, Sammy Attard

**Logħba Nru 2 - 28.03.2013 - 13.00 hrs**

**Greċja** 1
A. Dimitriadis 80 pen

**Ċipru** 2
S. Konstantinou 58, F. Kyriakou 65

HT 0-0 **Gozo Stadium**

**Greċja** – Dimitrios Katsimitros, Grigorios Kasapidis, Fotios Pantekidis, Geo Makrostergios, Emmanouil Patralis, Vasileios Karvoundis (Panagiotis Papanikolaou 49), Anastasios Dimitriadis, Ilias Tselios (Panagiotis Avramidis 53), Ioannis Vidalis (Panagiotis Gkrosios 53), Kleon Pouflis (Georgis Manthatis 48)
*Coach* – Zelenitsas Charalmbos
**Ċipru** – Panagiotis Panagioutou, Christos Antoniou, Foivos Christodoulou, Antonis Koumis, Stelios Tampouris (Eleftherios Dimitrou 41), Andreas Fragkou (Pavlos Christodoulou 66), Andreas Lemsios (Demet Charalambous 51), Stavrin Konstantinou (Thanasis Llasidis 58), Christos Wheeler (Lenos Sotiriou 66), Fytos Kyriakou (Elias Sapachlaris 75), Rafael Anastaiou
*Coach* – Ioannis Constantinou
Referee – Clayton Pisani
Assistenti – Emanuel Grech, Peter Abela

**Logħba Nru 3 - 30.03.2013 - 10.30 hrs**

**Malta** 0

**Greċja** 3
G. Karakoutis 49, 66, A. Dimitriadis 74

HT 0-0 **Centenary Stadium**

**Malta** – Jamie Azzopardi, Nick Ghio, Iousef Meli, Mirco Vella, Neil Spiteri, Matthew Guillaumier, Connor Borg, Jake Grech (Mark Anthony Scicluna 69), Clint Zammit, Luca Brincat (Juan Carlos Corbolan 69), Mauro Sultana (Aidan Friggieri 57)
*Coach* – Sergio Soldano
**Greċja** – Pnagiotis Ntounis, Grigorios Kasapidis (Panagiotis Avramidis 75), Fotios Pantekidis, Geo Makrostergios, Emmanouil Patralis (Markos-Nikol Komitis 75), Georgios Manthatis (Panagiotis Papanikolaou 44), Vasileios Karvoundis (Panagiotis Gkrosios 44), Anastasios Dimitriadis, Ilias Tselios (Asterios Mouhalis 75), Ioannis Vidalis, Georgios Karakoutis (Kleon Pouflis 75)
*Coach* – Zelenitsas Charalmbos
Referee – Andrè Arciola
Assistenti – Alan Camilleri, William Debattista
Ammonit – M. Guillamier (M)

**Logħba Nru 4 - 30.03.2013 - 10.30 hrs**

**Irlanda ta' Fuq** 0

**Ċipru** 1
C. Wheeler 38

HT 0-1 **Ta' Qali Training Grounds**

**Irland ta' Fuq** – Tom McDermott (Patrick Molloy 78), Ben Hall, Jamie Dunne (Emmet Hargan 41), Lorcan Mallon, Ben Doherty, William Donaghy (Jonathan Dallas 41), Andrew Mooney, Gary Larvery, Eoin McKeown (Cormac Derry 58), Joshua Lynch (Ethan Sweeney 49), Jordan Thompson
*Coach* – Conor Marlin
**Ċipru** – Panagiotis Panagiotou, Lenos Sotirou (Thanasis Llasidis 74), Foivos Christodoulou, Antonis Koumis, Andreas Fragkou, Stavrin Konstantinou, Eleftherios Dimitrou (Stelios Tampouris 44), Christos Wheeler, Fytos Kyriakou (Elias Sapachlaris 63), Pavlos Christodoulou (Demet Charalambous 44), Rafael Anastasiou
*Coach* – Ioannis Constantinou
Referee – Kevin Azzopardi
Assistenti – Mitchell Scerri, Luke Portelli
Ammoniti – A. Mooney, J. Thompson (I); S. Konstantinou, E. Dimitriou, P. Christodoulou (Ċ)

**Logħba Nru 5 - 01.04.2013 - 13.30 hrs**

**Greċja** 2
G. Karakoutis 9, I. Vidalis 27

**Irlanda ta' Fuq** 0

HT 2-0 **Centenary Stadium**

**Greċja** – Pnagiotis Ntounis, Grigorios Kasapidis, Fotios Pantekidis, Geo Makrostergios, Emmanouil Patralis, Anastasios Dimitriadis (Vasileios Karvoundis 72), Ioannis Vidalis (Panagiotis Avramidis 54), Panagiotis Papanikolaou, Kleon Pouflis (Georgios Manthats 54), Panagiotis Gkrosios, Georgios Karakoutis (Markos-Nikol Komitis 65)
*Coach* – Zelenitsas Charalmbos
**Irlanda ta' Fuq** – Patrick molly, Ben Hall, Lorcan Mallon, Ethan Sweeney, Andrew Mooney, Gary Larvery (Jamie Dunn 46), Eoin McKeown (Emmet Hargan 46), Cormac Deery, Harry Clarke, Joshua Lynch (Jonathan Dallas 46), Jordan Thompson
*Coach* – Conor Marlin
Referee – Adrian Azzopardi
Assistenti – Duncan Sultana, Roberto Vella

**Logħba Nru 6 - 01.04.2013 - 13.30 hrs**

**Malta** 2
A. Friggieri 55, 63 pen

**Ċipru** 4
F. Kyriakou 13 pen, A. Fragkou 33, 40 pen, C. Wheeler 36

HT 0-4 **National Stadium**

**Malta** – Jamie Azzopardi, Nick Ghio, Iousef Meli, Mirco Vella (Matthew Guillaumier 41), Neil Spiteri (Mauro Sultana 75), Conor Borg (Andrè Cachia 63), Jake Grech, Clint Zammit (Daniel Buckle 41), Juan Carlos Corbolan (Mark Anthony Scicluna 41), Joseph Mbong (Luca Brincat 41), Aidan Friggieri
*Coach* – Sergio Sodano
**Ċipru** – Panagiotis Panagiotou (Giorgios Sofroniou 41), Lenos Sotirou (Pavlos Christodoulou 41), Foivos Christodoulou, Antonis Koumis, Andreas Fragkou, Demet Charalmbous, Stavrin Konstantinou (Thanasis Llasidis 66), Christos Wheeler (Stelios Tampouris 66), Elias Sapachlaris, Rafael Anastasiou
*Coach* – Ioannis Constantinou
Referee – Chris Lautier
Assistenti – Edward Spiteri, Thomas Debono
Ammoniti – J. Azzopardi, M. Sultana (M); A. Fragkou (Ċ)

# Kwalifikazzjoni storika għat-team nazzjonali tan-Nisa



Nicole Buttigieg (Malta) tipprova tevita lil Dzuljeta Tamsone (Latvja)

Kif Spiċċaw - Grupp A

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Malta | 3 | 2 | 1 | 0 | 9 | 1 | 7 |
| Albanija | 3 | 2 | 1 | 0 | 5 | 2 | 7 |
| Latvja | 3 | 0 | 1 | 2 | 0 | 4 | 1 |
| L'burgu | 3 | 0 | 1 | 2 | 1 | 8 | 1 |

Dorianne Theuma (Malta) taqbeż liż-żewġ players tal-Latvja Anna Propsina u Guna Abolina

It-team nazzjonali tan-Nisa, immexxi mill-coach Pierre Brincat, kiseb kwalifikazzjoni storika għall-Fażi tal-Gruppi (fiż-żona Ewropea) tat-Tazza tad-Dinja, 2015, liema fażi finali se ssir fil-Kanada, matul ix-xahar ta' Lulju.

It-tim Malti lagħab f'mini-tournament, li kien ospitat f'pajjiżna stess u li kien jinkludi wkoll lit-timijiet tal-Albanija, Latvja u Lussemburgu. Bla dubju, dan is-suċċess kien wieħed meritat minħabba li l-Maltin rebħu l-grupp kif ukoll kienu l-aħjar team.

Fl-ewwel partita, il-Maltin iffaċċjaw lit-team qawwi tal-Albanija li kien l-aktar ikkwotat. Iżda minkejja dan, it-team immexxi mill-coach Pierre Brincat iddomina dan il-konfront u r-riżultat ta' 1-1 ma jagħtix l-istampa tal-andament tal-partita.

Kienet Dorianne Theuma li kisbet id-draw għal Malta minn corner dirett.

Il-konfront kontra l-Lussemburgu kien wieħed mingħajr storja hekk kif il-Maltin ħarġu rebbieħa bl-iskor kbir ta' 6-0 bil-goals jaslu minn doppjetta kull wieħed ta' Dorianne Theuma u Nicole Buttigieg u żewġ goals oħra minn Ylenia Carabott u Rachel Cuschieri.

Fit-tielet partita, il-Maltin reġgħu urew il-kredenzjali tagħhom, quddiem folla numeruża, din id-darba b'rebħa ta' 2-0 fuq il-Latvja fejn l-iskorers kienu Dorianne Theuma u Rachel Cuschieri, b'Theuma tkun l-unika player f'dan it-tournament li skorjat f'kull partita.

L-iskwadra Maltija flimkien mal-istaff tekniku keinet:

*Goalkeepers:* Sharon Costantino (Mosta); Keoney Demicoli (Hibernians).

*Difensuri:* Kelly Agius Pace (Birkirkara); Rebecca Chircop (Mosta); Rebecca D'Agostino (Mosta); Stephania Farrugia (Birkirkara); Kirsty Feasey (Reading FC); Gabriella Zahra (Birkirkara); Charlene Zammit (Hibernians).

*Midfielders:* Ylenia Carabott (Hibernians); Rachel Cuschieri (Birkirkara); Amber Grech (Pembroke Athleta); Natasha Pace (Mosta); Antoinette Sammut (Mgarr United); Dorianne Theuma (Mosta); Emma Xuereb (Gozo FC).

*Attakkanti:* Brenda Borg (Mgarr United); Nicole Buttigieg (Mosta).

*Staff Tekniku:* Pierre Brincat (Coach); Mark Gatt (Assistant Coach); Roger Camilleri (Coach tal-Goalkeepers); Alice Moore (Tabiba); Elaine Zammit (Fiżjoterapista); Jacqueline Ellul Soler (Kit Manager); Alfred Zammit (Team Administrator).



Rachel Cuschieri (Malta) attakkata minn Romy Gruber (Lussemburgu)



Stephania Farrugia (Malta) tittakilja lil Olga Matisa (Latvja)



Formazzjoni tipika tat-team Malti - (*Wara*) - Ylenia Carabott, Stephania Farrugia, Rachel Cuschieri, Antoinette Sammut, Rebecca D'Agostino, Gabriella Zahra, Sharon Costantino - (*Quddiem*) - Dorianne Theuma, Nicole Buttigieg, Emma Xuereb, Charlene Zammit

## Il-poloz tal-Fażi tal-Gruppi

**Grupp 1** - Ġermanja, Russja, Irlanda, Slovakkja, Slovenja, Kroazja

**Grupp 2** - Italja, Spanja, Repubblika Ċeka, Rumanija, Estonja, Maċedonja

**Grupp 3** - Danimarka, Islanda, Svizzera, Serbja, Iżrael, Malta

**Grupp 4** - Svezja, Skozja, Polonja, Irlanda ta' Fuq, Bosnja, Faroe Islands

**Grupp 5** - Norveġja, Olanda, Belġju, Portugall, Greċja, Albanija

**Grupp 6** - Ingilterra, Ukrajna, Belarus, Wales, Turkija, Montenegro

**Grupp 7** - Franza, Finlandja, Awstrija, Ungerija, Bulgarija, Kazakhstan

** Il-logħob kollu jrid jintlagħab bejn l-20 ta' Settembru, 2013 u s-17 ta' Settembru, 2014.*

**Logħba Nru 1 - 04.04.2013 - 16.00 hrs**

**Albanija** 1
E. Curro 76
**Malta** 1
D. Thuema 80

HT 0-0 **Centenary Stadium**

**Albanija** – Pellumbesha Gjyli, Denisa Proto, Cyme Lulaj, Fitore Govori, Albina Rrahmani, Dafina Memedov, Suada Jashari (Nora Selmani 81), Aurora Serenaj, Arbnora Robeli (Advije Veliu 59), Furtura Velaj, Elivana Curro
*Coach* – Altin Rrakili

**Malta** – Sharon Costantino, Garbiella Zahra, Rebecca D'Agostino, Dorianne Theuma, Ylenia Carabott, Rachel Cuschieri (Natasha Pace 91), Nicole Buttigieg (Amber Grech 85), Antoinette Sammut, Stephania Farrugia, Charlene Zammit, Emma Xuereb (Brenda Borg 63)
*Coach* – Pierre Brincat

**Referee** – Petra Chuda (Slovakkja)
**Assistenti** – Maria Lisicka (Slovakkja), Liliya Karimova (Kazakhstan)
**Raba' Uff.** – Yuliya Medvedeva-Keldyusheva (Kazakhstan)
**Ammoniti** – A. Serenaj (A); D. Theuma, B. Borg (M)

**Logħba Nru 2 - 04.04.2013 - 18.30 hrs**

**Lussemburgu** 0
**Latvja** 0

**Centenary Stadium**

**Lussemburgu** – Nathalie Thill, Jessica Birkel, Rosangela Settanni, Pascale Frising, Romy Gruber (Catherine Have 83), Mandy Charlet (Bianca Schmitz 46), Gabriela De Lemos (Anne Bourg 71), Ma Janine Hansen, Sophie Maurer, Anne Lyse Dick, Joelle Leuchter
*Coach* – Raymond Pye

**Latvja** – Enija-Anna Valvode, Olga Matisa, Rebeka Tile, Eliza Spruntule, Kristine Girzda (Renate Fedotova 58), Anna Proposina, Skaidrite Vulane (Sintija Greijere 67), Anastasija Rocane, Olga Ivanova, Ieva Bidermane, Guna Abolina
*Coach* – Didzis Matiss

**Referee** – Floarea Ionescu (Rumanija)
**Assistenti** – Andra Hiticas (Rumanija), Albert Borg Cardona (Malta)
**Raba' Uff.** – Trustin Farrugia Cann (Malta)
**Ammoniti** – G. Abolina, A. Rocane, A. Proposina, R. Fedotova (La)
**Tkeċċiet** – A. Proposina 67 (La)

**Logħba Nru 3 - 06.04.2013 - 11.00 hrs**

**Albanija** 2
D. Memedov 17, F. Velaj 41
**Latvja** 0

HT 2-0 **Centenary Stadium**

**Albanija** – Pullembesha Gjyli, Denisa Proto, Cyme Lulaj, Fitore Govori, Albina Rrahmani, Dafina Memedov, Suada Jashari (Arbnora Robeli 90), Aurora Serenaj, Furtuna Velaj, Elivana Curro (Advije Veliu 84), Xhemile Berisha (Nora Selmani 75)
*Coach* – Altin Rrakili

**Latvja** – Anna Valvode, Olga Mafisa, Rebeka Tile (Sintija Greijere 25), Eliza Spruntule, Ieva Bidermane, Skaidrite Vulane (Kristina Grizda 51), Anastasija Rocane, Olga Ivanova, Renate Fedotova, Guna Abolina, Dzuleta Tamsone
*Coach* – Didzis Matiss (Latvja)

**Referee** – Yuliya Medvedeva (Kazakhstan)
**Assistenti** – Liliya Karimova (Kazakhstan), Albert Borg Cardona (Malta)
**Raba' Uff.** – Trustin Farrugia Cann (Malta)

**Logħba Nru 4 - 06.04.2013 - 13.30 hrs**

**Malta** 6
Y. Carabott 12, D. Theuma 25 pen, 61, R. Cuschieri 28, N. Buttigieg 29, 50
**Lussemburgu** 0

HT 4-0 **Centenary Stadium**

**Malta** – Sharon Costantino, Gabriella Zahra, Rebecca D'Agostino, Dorianne Theuma (Brenda Borg 62), Ylenia Carabott (Natasha Pace 68), Rachel Cuschieri, Nicole Buttigieg, Antoinette Sammut, Stefania Farrugia (Kirsty Feasey 75), Charlene Zammit, Emma Xuereb
*Coach* – Pierre Brincat

**Lussemburgu** – Nathalie Thill, Jessica Birkel, Anne Bourg (Anne Lyse Dick, 23), Rosangela Settanni, Pascale Frising (Catherine Have 71), Romy Gruber, Mandy Charlet (Gabriela De Lemos 46), Sophie Maurer, Sarah Chenut, Joelle Leuchter, Bianca Schmitz
*Coach* – Raymond Pye

**Referee** – Floarea Ionescu (Rumanija)
**Assistenti** – Andra Hiticas (Rumanija), Maria Lisicka (Slovakkja)
**Raba' Uff.** – Petra Chuda (Slovakkja)
**Ammoniti** – Y. Carabott (H); R. Gruber, J. Leuchter (L)

**Logħba Nru 5 - 09.04.2013 - 16.00 hrs**

**Lussemburgu** 1
S. Maurer 45
**Albanija** 2
S. Jashari 16, F. Velaj 69

HT 1-1 **Centenary Stadium**

**Lussemburgu** – Nathalie Thill, Jessica Birkel, Rosangela Settanni, Pascale Frising, Romy Gruber, Mandy Charlet (Cahterine Have 72), Ma Janine Hansen, Amy Thompson, Sophie Maurer (Gabriela De Lemos 60), Joelle Leuchter (Ann Bourg 87), Bianca Schmitz
*Coach* – Raymond Pye

**Albanija** – Pellumbesha Gjyli, Denisa Proto, Cyme Lulaj, Fitore Govori, Albina Rrahmani, Dafina Memedov, Suada Jashari, Aurora Serenaj, Furtuna Velaj, Elivana Curro (Ana Baro 75), Xhemie Berisha (Nora Selmani 84)
*Coach* – Altin Rrakili

**Referee** – Petra Chuda (Slovakkja)
**Assistenti** – Maria Lisicka (Slovakkja), Albert Borg Cardona (Malta)
**Raba' Uff.** – Trustin Farrugia Cann (Malta)
**Ammoniti** – M. Hansen (L); S. Jashari 51, E. Curro (A)

**Logħba Nru 6 - 09.04.2013 - 18.30 hrs**

**Latvja** 0
**Malta** 2
D. Theuma 45, R. Cuschieri 83

HT 0-1 **Centenary Stadium**

**Latvja** – Anna Valvode, Olga Matisa, Eliza Spruntule, Sintija Greijere (Kristine Girzda 57), Anna Proposina (Laura Bejavska 85), Anastasija Rocane, Olga Ivanova (Dita Upesjure 86), Ieva Bidermane, Guna Abolina, Dzuljeta Tamsone, Karina Luse
*Coach* – Didzis Matiss

**Malta** – Sharon Costantino, Gabriella Zahra, Rebecca D'Agostino, Dorianne Theuma, Ylenia Carabott (Natasha Pace 88), Rachel Cuschieri, Nicole Buttigieg (Amber Grech 82), Antoinette Sammut, Stephania Farrugia, Charlene Zammit, Emma Xuereb (Brenda Borg 58)
*Coach* – Pierre Brincat

**Referee** – Yuliya Medvedeva (Kazakhstan)
**Assistenti** – Liliya Karimova (Kazakhstan), Andra Hiticas (Rumanija)
**Raba' Uff.** – Florea Ionescu (Rumanija)
**Ammoniti** – E. Spruntule, O. Matisa (L)

## Partiti ta' ħbiberija

# Malta megħluba darbtejn



Joe Vella (Malta) jikklerja l-ballun segwit minn Boris Cespedes (Svizzera)



Iż-żewġ captains ta' Under 19 - Luke Montebello (Malta) u Kevin Mbabu (Svizzera) flimkien mat-terna arbitrali, Adrian Azzopardi, Duncan Sultana u Roberto Vella



Malta Under 19 - (Wara) Luke Pecorella, Kyle Cesare, Dion Fava, Joe Reno Vella, Clyde Cumbo, Luke Montebello - (Quddiem) Bryce Cuschieri, Giancarlo Sammut, Jurgen Degabriele, Ryan Spiteri, Llewelyn Cremona



Svizzera U/19

21.03.2013 - 18.30 hrs

**Malta U/19** 0

**Svizzera U/19** 5

G. Karten 9, B. Cespedes 51, S. Campo 57, 75, M. Castromann 73

HT 0-1 **Training Grounds, Ta' Qali**

**Malta U/19** – Luke Pecorella, Clyde Cumbo (Neil Chetcuti 46), Giancarlo Sammut (Timothy Tabone Desira 84), Joe Vella, Dion Fava, Kyle Cesare (Jacob Falzon 82), LLewelyn Cremona, Bryce Cuschieri (Kurt Zammit 46), Luke Montebello, Ryan Spiteri, Jurgen Degabriele

*Coach* – Emanuel Farrugia

**Svizzera U/19** – Noven Baumann, Olivier Custodio (Karim Gazzetta 65), Joel Keller, Kevin Mbabu, Ahmet Ozcan (Mickael Goncalves 46), Miguel Castromann, Samuele Campo, Boris Cespedes, Gregory Karlen (Valentin Hayoz 46), Christoph Stenz

*Coach* – Gerard Castella

Referee – Adrian Azzopardi

Assistenti – Duncan Sultana, Roberto Vella

Ammoniti – Ħadd

19.03.2013 - 14.00 hrs

**Malta U/18** 1

L. Montebello 15

**Svizzera U/18** 2

O. Thali 30, K. Mbabu 84

HT 1-1 **Training Grounds, Ta' Qali**

**Malta U/18** – Jean Claude Debattista, Timothy Tabone Desira, Neil Chetcuti (Giancarlo Sammut 67), Dion Fava (Bryce Cuschieri 46), Karl Micallef, Jacob Falzon (Ryan Spiter 66), Kurt Zammit, Godwin McKay (Kule Cesare 60), Llywelyn Cremona, Luke Montebello (Axle Xuereb 85), Jurgen Degabriele (Joe Vella 46)

*Coach* – Branco Nisevic

**Svizzera U/18** – Pascal Albrecht, Mickael Goncalves, Thomas Fakete, Kevin Mbabu, Ahmet Ozcan, Gente Mazreku (Boris Cespedes 78), Saidi Janko, Karim Gazzetta (Miguel Castromann 46), Omar Thali (Olivier Custodio 78), Gregory Karlen (Samuele Campo 46), Valentin Hayoz

*Coach* – Gerard Catella

Referee – Fyodor Zammit

Assistenti – Luke Portelli, Eman Grech

Ammoniti – M. Goncalves (S)

# Tliet timijiet fit-taqtiegħa għar-rebħ tal-Kampjonat



Zoran Levnaic (Hibernians) attakkant minn Mark Scerri (Sliema W.)

Inizjattivi oħra li ta' min ifaħħarhom, insemmu fost oħrajn l-inklużjoni ta' tfal b'diżabbiltà fin-nurseries tagħna. Każ eżemplari ħafna huwa n-nursery ta' Tarxien fejn illum qed tieħu dan is-settur bis-serjetà, fejn ukoll, għandha kowċis li b'dedikazzjoni u paċenzja jaraw li jintegraw lil dawn it-tfal mal-plejers oħra tan-nursery, u minn żmien għal żmien jorganizzawlhom logħob ma' nurseries oħrajn, fejn ukoll hemm xi plejers b'diżabbiltà. Hawn ukoll qed nuru r-responsabbiltà li għandhom in-nurseries lejn il-komunità speċjalment ma' dawn il-persuni b'diżabbiltà u jitwassal il-messaġġ, li l-futbol huwa miftuħ għal kulħadd fil-livelli tiegħu. Inizjattiva oħra min-nursery ta' Mqabba hija lejn it-tfal fir-residenza ta' Ħal-Far magħrufa aħjar bħala "Help the children at Ħal-Far".

F'din l-inizjattiva, in-nursery ta' Mqabba għaddiet ammont sostanjzali ta' lbies sportiv lil dawn it-tfal u għal din l-okkażjoni, plejers ta' l-U/10 lagħbu ma' tfal ta' din il-komunità. Din l-inizjattiva ser titkompla fiż-żmien li ġej b'inizjattivi oħra simili.

Il-Youth FA tikkontrolla u tara li fejn ikun hemm talbiet ġusti gejjin minn familji li jkunu għaddejjin minn sitwazzjonijiet diffiċli, titkellem man-nurseries responsabbli u fejn tara li jkun hemm raġunijiet validi, isiru arranġamenti biex filwaqt li dawk it-tfal jibqgħu jattendu għat-taħriġ fin-nurseries, jinstabulhom sponsors biex jidħlu għall-ispejjeż li jkun hemm bżonn.

Qormi Nursery, hija mpenjata li tagħti servizz lil dawk it-tfal li jeħtieġu għajnuna edukattiva f'ċertu suġġetti. Hawn inħolqot klassi fejn dawn it-tfal jingħataw l-għajnuna meħtiega mingħajr ħlas fi granet speċifiċi minn għalliema professjonali.

Huwa ferm ħażin meta l-futbol jingħata biss il-perspettiva ta' negattività u korruzzjoni. Il-futbol huwa mezz li jgħallem u jagħti lil ħaddieħor u dan kollu jista' jsir bl-appoġġ mhux biss tal-Youth FA u l-MFA, iżda wkoll billi jkollna aktar azjendi privati li jidħlu bħala sieħba fi proġetti simili magħna. Irridu nkomplu nedukaw, inkunu ta' servizz lejn is-soċjetà Maltija u għandna responsabilità lejn is-soċjetà li noħorġu mhux biss plejers futuri sani fil-kapaċità teknika tagħhom iżda wkoll nagħtu lura lis-soċjetà ċittadini sodi li fil-formazzjoni li ġew mogħtija fiż-żmien tagħhom fin-nurseries, ikunu tgħallmu dik ir-responsabbiltà lejn dak li jridu jagħtu lura f'ħajjithom bħala responsabbiltà soċjali.



# It-tnedija tar-Regatta ta' Jum il-Ħelsien

## l-ewwel Impenn tal-Onor. Stefan Buontempo fid-dekastru tal-Isport

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt



*L-Onorevoli Stefan Buontempo waqt it-tnedija tar-Regatta ta' Jum il-Ħelsien*



*Il-clubs tal-Marsa u l-Isla jiċċelebraw flimkien ir-rebħ tal-Kategorija Open u l-Kategorija B rispettivament tar-Regatta ta' Jum il-Ħelsien*

It-tnedija tar-Regatta ta' Jum il-Ħelsien kienet l-ewwel impenn tas-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport, Dr. Stefan Buontempo, li f'konferenza tal-aħbarijiet sostna li r-Regatta hija potenzjal għar-riġenerazzjoni soċjali taż-żona tal-Port il-Kbir.

Ir-Regatta ta' Jum il-Ħelsien ta' din is-sena saret ġimgħa qabel il-31 ta' Marzu minħabba li f'dik il-ġurnata ġie ċċelebrat l-Għid il-Kbir. Bi qbil mal-clubs tar-Regatta stess, it-tiġrijiet tad-dg[ajjes saru nhar is-Sibt, 23 ta' Marzu (li r-riżultati tagħhom anke dehru fil-magazine Sportiv fl-edizzjoni 72).

Fid-diskors tiegħu, Dr. Buontempo qal li r-regatta hija ħolqa ma' avvenimenti oħrajn biex pajjiżna jkompli jiżviluppa turiżmu sostenibbli li jkun imsejjes fuq il-parteċipazzjoni attiva tal-poplu.

Ir-regatta hija wkoll parti minn katina li permezz tagħha pajjiżna jista' jifrex is-swieq turistiċi tiegħu biex b'hekk inkunu nistgħu nattiraw aktar turiżmu sportiv.

L-Onorevoli Buontempo tenna li għalih kien ta' sodisfazzjon kbir li bħala Segretarju Parlamentari ser ikun hu responsabbli minn din it-tellieqa tradizzjonali tar-regatta li taf il-bidu tagħha minn żmien il-kavallieri. Ir-Regatta tirrappreżenta parti mill-benniena kulturali u storika ta' Malta, benniena li huwa magħruf għaliha l-Port il-Kbir. Dawn it-tiġrijiet, kemm dik tat-8 ta' Settembru u anke dik tal-31 ta' Marzu, huma avvenimenti spontanji tal-poplu Malti fejn jiġu mfakkra żewġ festi nazzjonali importanti fil-kalendarju Malti.

Ir-Regatta hija element ewlieni li jagħmilna Maltin, poplu magħruf għas-sengħa fil-qasam marittimu. Ir-Regatta flimkien ma' sports tradizzjonali bħalma hu l-logħob tal-boċċi u anke avveniment bħal Valletta Grand Prix, huma parti essenzjali fir-riġenerazzjoni soċjali tal-Port il-Kbir u għaldaqstant huma parti essenzjali biex pajjiżna jkun kompetittiv fil-qasam turistiku.

Is-Segretarju Parlamentari faħħar ukoll l-inizjattiva tal-clubs bħal dak ta' Bormla fejn ġabu fondi mill-Unjoni Ewropea. Permezz ta' dawn il-fondi ġew imħarrġa żgħażagħ, li anke kien hemm minnhom bla xogħol u trawmu fil-bini tad-dgħajjes.

Pajjiżna ma jistax jitlef sengħa bħal din għax inkella jkun tilef parti minn dak li huwa l-poplu - poplu marittimu.

Huwa sahaq ukoll mar-rappreżentanti tal-clubs fuq l-importanza li jagħmlu "sħubija" ma' clubs oħrajn barranin fejn permezz tagħhom il-membri u l-organizzaturi jkunu jistgħu jaqsmu u jiksbu esperejenzi ġodda.

Din it-tradizzjoni tirrapreżenta d-dgħajjes Maltin li huma simbolu għal pajjiżna.

Fl-aħħarnett, l-Onorevoli Buontempo wiegħed li ser jagħmel dak kollu possibbli biex sport bħal dan ma jintilifx biex pajjiżna ma jkomplix jitlef mis-sengħa marittima tiegħu.

Għall-kronaka, il-club tal-Marsa rebaħ il-Kategorija A filwaqt li dak tal-Isla rebaħ il-Kategorija B ta' din l-edizzjoni tar-Regatta ta' Jum il-Ħelsien.

*L-Onorevoli Stefan Buontempo waqt il-laqgħa maċ-chairman tal-MAAA, Anthony Chircop,*



# Spjegata l-viżjoni tal-M.A.A.A.

## - Il-politika sportiva trid tkun imfassla fuq il-bżonnijiet kemm tal-għaqdiet kif ukoll tas-soċjetà in ġenerali

*Ritratt Lemin - Tnejn mill-aqwa atleti Maltin, Diane Borg u Rachid Chouhal, waqt it-taħriġ*




Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Stefan Buontempo, matul dan ix-xahar żar il-kwartieri ġenerali tal-Malta Amateur Athletic Association, li jinsabu fil-Marsa.

Matul din il-laqgħa, Dr Buontempo tkellem mar-rappreżentanti ta' din l-Assoċjazzjoni li spjegawlu l-viżjoni tagħhom għall-isport.

Min-naħa tiegħu, is-Segretarju Parlamentari qal li r-riforma li trid issir fl-isport ser tkun minn isfel għal fuq, bil-Gvern jisma' l-ideat tal-għaqdiet li jagħmlu sagrifiċċji kbar f'dan il-qasam.

Dr Buontempo saħaq li l-organizzazzjonijiet sportivi kollha huma rilevanti u għalhekk qed jiltaqa' magħhom biex il-politika sportiva tkun imfassla fuq il-bżonnijiet kemm tal-għaqdiet kif ukoll tas-soċjetà in ġenerali.

L-isport għandu wkoll l-aspett soċjali peress, li mhux kulħadd jista' jipprattika l-isport favorit tiegħu. Dan minħabba li, f'ċerti każijiet, l-ispiża marbuta mal-isport tkun għolja wisq. Il-Gvern irid jara li meta lill-għaqdiet jgħaddilhom l-attijiet, dawn iridu mbagħad jaħsbu f'dawk li ma jkunux f'pożizzjoni li jħallsu biex jipprattikaw l-isport.

Is-Segretarju Parlamentari temm jgħid li jrid li f'pajjiżna tiġi inkoraġġita mentalità sportiva u l-involviment ta' dawn l-għaqdiet ser ikun wieħed kontinwu u kostanti.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt



Is-Segretarju Parlamenti Stefan Buontempo, jagħti t-tluq tat-tieni parti tad-19-il edizzjoni tat-Tour ta' Malta

# Issir id-19-il edizzjoni tat-Tour ta' Malta

## *- L-Onorevoli Stefan Buontempo mistieden biex jagħti t-tluq tat-tieni parti tiegħu*

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport, Stefan Buontempo, kien mistieden mill-Malta Cycling Federation biex jagħti t-tluq tat-tieni parti tat-Tour ta' Malta li sar il-Wardija, liema kompetizzjoni saret matul l-ewwel tmiem il-ġimgħa ta' dan ix-xahar.

Din il-kompetizzjoni ta' din is-sena kienet l-akbar waħda minn meta bdiet tiġi organizzata fejn ipparteċipaw 18-il tim differenti b'madwar 131 ċiklist.

Il-kompetizzjoni kienet tikkonsisti f'tellieqa ta' madwar 100km fl-inħawi tal-Wardija.

F'kelmtejn qabel bdiet din it-tiġrija, is-Segretarju Parlamentari feraħ lill-parteċipanti li ħadu sehem f'din il-kompetizzjoni li anke nkludiet ċiklisti barranin.

L-Onorevoli Buontempo saħaq li kompetizzjonijiet bħal dawn huma mportanti għal pajjiżna speċjalment fil-qasam tat-turiżmu sportiv imma wkoll għax iqajmu kuxjenza mal-poplu dwar l-importanza tal-attività fiżika.

Sfortunatament, il-maltemp ħassar l-aħħar stage tat-Tour ta' Malta 2013 – time trial individwali ta' 12-il kilometru fil-By-Pass ta' Ħaż-Żebbug – fost id-diżappunt taċ-ċiklisti, l-istaff tekniku tat-timijiet parteċipanti kif ukoll il-membri tal-Kumitat Organizzattiv immexxi minn John Zammit.

Għaldaqstant il-klassifika finali kienet ibbażata fuq it-tliet stages li saru tlitt ijiem qabel, biex Salvatore Coco, Mathilde Matthisse u David Galea ġew dikjarati rebbieħa tal-kategorija rispettiva tagħhom.

Kollox ma' kollox, iċ-ċiklisti Maltin marru tajjeb f'din l-edizzjoni tat-Tour b'David Galea jirbaħ il-kategorija tal-Masters, waqt li l-Malti-Awstraljan Daniel Bonello spiċċa t-tieni fil-kategorija Open, segwit fit-tielet post minn Maurice Formosa. Fil-kategorija femminili, l-ewwel ċiklista Maltija kienet Marie Claire Aquilina li spiċċat fis-seba' post.

### Ir-rizultati finali overall kienu dawn:

**Kategorija tan-Nisa**
1. Mathilde Matthisse (Bonito Squadra Corse) 3:48.16
2. Margherita di Matino (ASD Mister Bianco) 3:49.42
3. Clare Leaver (Zappi's Team) 3:49.54

**Kategorija tal-Masters**
1. David Galea (The Cyclist CC) 5:01.22
2. Daniele Battelli (ASD Team Fausto Coppi) 5:01.27
3. Daniele Bellucci (ASD Team Fausto Coppi) 5:03.44

**Kategorija Open**
1. Salvatore Coco (ASD Mister Bianco) 5:18.58
2. Daniel Bonello (Individual) 5:19.46
3. Maurice Formosa (The Cyclist CC) 5:20.36

**L-aħjar ċiklisti Maltin f'kull kategorija kienu:**

**Kategorija tan-Nisa**
1. Marie Claire Aquilina (Greens CC) 3:57.00
2. Michelle Vella Wood (B'Kara SJ) 4:10.58
3. Stephania Magri (GB Cycles) 4:13.11

**Kategorija tal-Masters**
1. David Galea (The Cyclist CC) 5:01.22
2. Joseph Bonello (Greens CC) 5:06.06
3. Peter Gatt (Greens CC) 5:06.12

**Kategorija Open**
1. Daniel Bonello (Individual) 5:19.46
2. Maurice Formosa (The Cyclist CC) 5:20.36
3. Jason Vella (Greens CC) 5:23.50





*Is-Segretarju Parlamenti, Stefan Buontempo, jirċievi telefonati għall-ġbir ta' fondi waqt il-Maratona tar-Roti*

# Somma rekord miġbura fil-Maratona tar-Roti

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

## - L-Onorevoli Stefan Buontempo jniedi l-bidu tagħha

Bil-parteċipazzjoni ta' madwar 150 ċiklist u 400 voluntier, il-Maratona bir-Roti, organizzata mill-istudenti tal-Kulleġġ San Ġorġ Preca (Liċeo tas-Subien, Ħamrun) u mill-assoċjazzjoni tal-istudenti passati ALPS, irnexxielha tiġbor somma rekord ta' ftit aktar minn €72,500.

Kull sena, fl-attività li tkun mifruxa fuq tlitt ijiem, isiru ħamsin siegħa ta' ċiklizmu mill-istudenti b'risq għaqdiet filantropiċi differenti – u din kienet l-14-il edizzjoni ta' din il-Maratona, li saret l-ewwel darba fl-1994.Dakinhar, fl-ewwel edizzjoni, kienet inġabret is-somma ta' ftit inqas minn €9,000.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport Stefan Buontempo, b'permezz ta' konferenza tal-aħbarijiet, nieda din l-14-il edizzjoni tal-Maratona bir-Roti. Il-ġbir minn din il-maratona ser imur għas-sorijiet tal-Ursolini li jieħdu ħsieb tfal ta' bejn it-3 snin u 16-il sena.

L-Onorevoli Buontempo feraħ lill-organizzaturi għan-nom tal-Gvern għal dan il-ġest nobbli, ġest ta' solidarjetà u ta' mħabba. Huwa qal li min jipparteċipa jkun qed jgħin u juri l-impenn tiegħu lejn dawk li għandhom xi forma ta' bżonn.

Huwa saħaq li meta nitkellmu fuq sports inkunu qed nitkellmu fuq kompetizzjoni jew aħjar spirtu kompetittiv, fuq is-saħħa u fuq parteċipazzjoni kollettiva. L-isports ifisser solidarjetà. Huwa kompla biex qal li l-isports irid ikun għal kulħadd, mingħajr ebda distinzjoni bejn min għandu l-flus u min m'għandux.

Il-Gvern irid joħloq opportunitajiet biex kulħadd ikollu aċċess għall-faċilitajiet sportivi. Kull tifel u tifla jrid ikollu dritt ta' eżerċizzju fiżiku u għalhekk ser ikun qed jaħdem biex tiġi mnedija kampanja edukattiva kontra l-obeżità.

Is-Segretarju Parlamentari temm l-indirizz tiegħu billi faħħar lill-Knisja għal ħidma li twettaq għall-ġid tal-komunitajiet tagħna, lejn it-tfal, il-persuni b'diżabbiltà u anke lejn l-anzjani.

Fl-aħħarnett huwa wiegħed l-appoġġ tal-Gvern f'dawn l-inizjattivi.



*Is-Segretarju Parlamenti, Stefan Buontempo, flimkien maċ-ċiklisti waqt il-Maratona tar-Roti fil-Liċeo tal-Ħamrun*



*Is-Segretarju Parlamenti, Stefan Buontempo, ippreżentat bit-t-shirts li ntużaw waqt il-Maratona tar-Roti*

# Żjara lill-iskwadra nazzjonali tar-rugby



kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport żar lit-team Malti tar-Rugby waqt is-sessjoni tat-taħriġ tagħhom għal qabel il-logħba kontra l-Isvizzera li ntlagħbet nhar is-6 ta' April, fil-Hbernians Stadium, valida mill-Kampjonat Ewropew Diviżjoni 2A.

L-Onorevoli Stefan Buontempo awgura lill-membri tat-team u lill-coach filwaqt li nnota li dan l-isport qed jikseb popolarità kbira mal-Maltin.

Huwa tenna li l-Gvern ser jagħmel ħiltu kollha biex l-isport f'pajjiżna ikun minn ta' quddiem fuq l-aġenda nazzjonali kif ukoll li l-Gvern ser ikun qed jikkonċentra fuq sports minuri kif ġie mwiegħed fil-Manifest Elettorali tal-Partit Laburista.

Filwaqt li feraħ lid-diriġenti tal-Malta Rugby Union u lill-iskwadra kollha, huwa għamel appell biex il-partitarji Maltin jattendu dejjem bi ħġarhom kull darba li t-team nazzjonali, minn kull dixxiplina sportiva differenti, jilgħab kontra avversarji barranin biex jagħtu l-appoġġ massimu tagħhom.

Intant, din il-logħba kienet ferm diffiċli għat-team Malti fejn ħareġ tellief bl-iskor ta' 19-10 bil-punti tal-Maltin jaslu minn Tom Holloway u James O'Brien.



*Is-Segretarju Parlamenti, Stefan Buontempo, waqt l-indirizz ta' awgurju lill-iskwadra nazzjonali tar-rugby*



*Is-Segretarju Parlamenti, Stefan Buontempo, flimkien mal-iskwadra Maltija tar-rugby, staff tekniku u diriġenti*



*Is-Segretarju Parlamenti, Stefan Buontempo, flimkien mal-istudenti u għalliema fil-Kulleġġ ta' San Benedittu*

## Żjara lill-Ispecial Olympics fil-Kulleġġ San Benedittu

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# L-isport irid ikun mutur wara trasformazzjoni soċjali

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport, Stefan Buontempo, matul dan ix-xahar żar l-iSpecial Olympics fil-Kulleġġ San Benedittu.

Wara li ltaqa' mal-atleti li kienu qed jieħdu sehem f'tournament, Buontempo faħħar din l-inizjattiva u saħaq li l-isport irid ikun għal kulħadd. Huwa qal li l-isport irid ikun mezz biex nibnu soċjetà inklussiva li ma tħalli lil ħadd barra.

Pajjiżna jrid jibni fuq il-potenzjal ta' kulħadd.

Is-Segretarju Parlamentari tenna li jrid rifurma fl-isport fejn l-isport irid ikun mutur wara trasformazzjoni soċjali. Il-faċilitajiet eżistenti fl-iskejjel iridu jinfetħu għall-komunitajiet tagħna.

Il-Kunsill Malti għall-Isport, irid jinvesti fl-għaqdiet u fl-isport f'pajjiżna u għalhekk kull sforz li jsir minn dan il-Kunsill irid ikun iffokat fuq l-interess tal-isport u mhux fl-interess politiku.



*Is-Segretarju Parlamenti, Stefan Buontempo, jiltaqa' ma' wieħed mill-istudenti fil-Kulleġġ ta' San Benedittu*




*Is-Segretarju Parlamenti, Stefan Buontempo, waqt id-diskors tiegħu lill-istaff tal-Kunsill Malti għall-iSport*

## Laqgħa uffiċjali ma' l-istaff tal-Kunsill Malti għall-iSport

# Il-Gvern iqis l-isport bħala parti essenzjali u integrali għall-futur tas-soċjetà tagħna

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport Stefan Buontempo għamel żjara uffiċjali lill-Kunsill Malti għall-isport. Matul din il-laqgħa huwa indirizza lill-ħaddiema tal-Kumpless Sportiv tal-Kottonera.

Dr Buontempo ħeġġeġ lil kulħadd biex jaħdem flimkien fl-interess tal-isport Malti u fl-interess tas-soċjetà.

Huwa sostna li futur qrib ser ikun qed jiltaqa' ma' kull min hu involut fl-isports u jrid jisma' lill-isportivi kollha, irid jisma' l-għaqdiet kollha u l-entitajiet kollha li għandhom x'jaqsmu direttament jew indirettament mal-isport. Huwa ta l-garanzija tiegħu li kull idea u kull proposta ser tiġi evalwata għax il-Gvern iqis l-isport bħala parti essenzjali u integrali għall-futur tas-soċjetà tagħna.

Stefan Buontempo saħaq li jrid jagħti nifs ġdid u jdaħħal ambjent ġdid u seren fejn kulħadd irid jaħdem flimkien b'għan wieħed għall-ġid tal-isport. F'dan il-qasam, ma jridx li jisma' "aħna u huma" ... u politika partiġġjana ... iżda kulħadd ikun protagonist fil-mixja biex ikollna kultura sportiva.

Is-Segretarju Parlamentari intant ħabbar li se jkollu uffiċċju fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera ħalli jkun aktar aċċessibbli u qrib il-ħaddiema, qrib l-atleti u qrib l-amministraturi tal-isport.

Huwa saħaq li l-affarijiet jeħtieġ li jimxu fuq binarji professjonali u b'pass mgħaġġel għal ġid ta' kulħadd u fuq kollox b'għan wieħed.

L-isports dejjem jitqies bħala wieħed mill-valuri importanti tal-ħajja. Mhuwiex biss ta' benefiċċju għas-saħħa iżda anke meħtieġ biex jgħin fil-formazzjoni tal-karattru. Għalhekk dawk li għandhom l-isports għal qalbhom jistgħu jaħdmu id f'id mal-Gvern.

Stefan Buontempo temm l-indirizz tiegħu billi qal li jemmen f'familja waħda sportiva, magħmula minn ideali differenti iżda bi skop onest – l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-isports Malti.



*Fl-isfond ta' dan ir-ritratt tidher parti mill-istaff tal-Kunsill Malti għall-iSport waqt l-indirizz tas-Segretarju Parlamenti, Stefan Buontempo*

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

Dr Kirill Micallef Stafrace



# A public health approach to sports injury prevention

**Musculoskeletal injuries directly affect the health and preparedness of athletes and often lead to a subpar performance. When dealing with a contained group of athletes, i.e. a fixed sports team or contingent, rather than walk-in patients, it is only with precise knowledge on the extent of the injury problem can we then devise effective preventative programs.**

Using a public health approach implies that a series of specific steps should be followed to ensure the best possible evidence based results. Initially we would have to define what is and how big is the problem, as through proper surveillance one can identify whether there is a problem in the first place and if so, what is its magnitude? Example, you are in charge of a football team. Every year during pre-season there appears to be a plethora of pulled leg muscles. However, for a proper injury prevention program these have to be properly documented. Once you have started doing this you then have to look into what could be the causes of these injuries. At this point one must not forget that injuries may come about because of a single sudden event, or via a complex combination of interacting factors. For example a pulled muscle that came after a sudden increase in training load which led to muscle fatigue followed by a training session with improper warm up or wearing worn shoes or even when dehydrated-all factors that could cause issues.

So we have determined there is a problem( pulled muscles in pre-season) and that we have looked into what the possible causes are. Next step would be to determine which interventions can lead to an effective prevention strategy. Hence you gradually introduce changes in pre-season that have been proven to decrease injuries, example, a light training programme during the off-season, a training plan for the whole team with gradual loading increments, appropriate nutrition, and so on. Once you have implemented these interventions it is vital to monitor and evaluate their effectiveness as this will determine the success of the whole programme. Armed with all this information you can then put into practice the interventions that factually were effective . So if we are to use the recurrent example of pulled leg muscles, the effective interventions would be those that led to a significant reduction, not only in the number of pulled leg muscles, but also in the severity of the injury.





What I tried to convey in this article is the importance of proper documentation and following a structured approach in any intervention. This is important for any health professional. When we can then incorporate this data with the treatment , training and playing records from the coaching ,technical and medical staff, you often find out particular facts which can lead to a more efficient preparation of a sporting team. It sounds tedious, but decades of experience has taught me, very often the hard way, that the collation of data can result in invaluable information which would otherwise not be garnished.

Dr Kirill Micallef Stafrace is a Sports and Exercise Medicine Consultant and a Senior Lecturer in Sports Science.
sportmedicinedoc@gmail.com

Xagħar aktar b'saħħtu

## DERCOS AMINEXIL PRO

TAL- VICHY LABORATOIRES

Sal età ta' ħamsa u tletin sena, 60% tal-irġiel ikunu diġà tilfu xi ftit minn xagħarhom, u sal-età ta' ħamsin sena madwar 85% tal-irġiel ikun ħfifilhom xagħarhom b'mod sinifikanti. Ġeneralment, in-nuqqas ta' xagħar fl-irġiel huwa ereditarju u relatat mal-ormoni. It-tibdil fit-temp jaffettwa wkoll lix-xagħra u t-telf tax-xagħar jiżdied fir-rebbiegħa u l-ħarifa. Id-DERCOS AMINEXIL PRO tal-Laboratorji VICHY għandu tliet effetti u huwa ppruvat li jistimola t-tkabbir naturali tax-xagħra. Kull doża tikkonsisti f'taħlita ta' AMINEXIL u SP94 li flimkien jgħinu biex tissaħħaħ il-basla u l-fibra tax-xagħra filwaqt li l-ARGININE jistimola l-mikroċirkulazzjoni tal-qurriegħa. Ir-riżultati wrew tnaqqis li jwassal sa 72% fit-telf tax-xagħar. It-trattament jinxef malajr, ma jdellikx u wara li tapplikah m'hemmx għalfejn tlaħlaħ xagħrek. It-trattament huwa ipoallerġeniku.




**Dan il-prodott jinsab fl-ispiżeriji. Għal tagħrif ieħor jew kampjun, ikteb fl-indirizz vichy@prohealth.com.mt jew ibgħat messaġġ fuq 7980 6836.**

**Agħfas Like fuq il- Facebook! VICHY MALTA**

## ALU. CARE MOSTA LTD Est 1990

*for all kinds of aluminium works and tempered glass fitters*






**ALU. CARE MOSTA LTD**
**ALUCARE BUILDINGS**
**TRIQ IL-KAPPAR, MOSTA, MST 4000**
**Tel: 2143 3137, 2143 8931**
**Mobile: 9949 5877**
**Email: showroom@alucaremt.com**



## Kampjonat Ewropew 2014 - Round ta' kwalifikazzjoni

# Suċċess kbir għat-team nazzjonali Malti

**RIŻULTATI KOLLHA**
**GRUPP C**

**Il-Ħamis, 4 ta' April**
Bulgarija v Iżrael........................16-17
Malta v Portugall........................16-8
Danimarka v Russja ....................4-22

**Il-Ġimgħa, 5 ta' April**
Iżrael v Portugall ........................6-9
Danimarka v Bulgarija ...........19-11
Russja v Malta...........................20-8
Bulgarija v Portugall.................7-18
Iżrael v Russja...........................5-23
Danimarka v Malta ...............10-11

**Is-Sibt, 6 ta' April**
Malta v Bulgarija......................24-7
Portugall v Russja......................5 21
Danimarka v Iżrael..................6-13

**Il-Ħadd, 7 ta' April**
Malta v Iżrael ............................6-6
Russja v Bulgarija ....................36-4
Danimarka v Portugall ............7-10

**Klassifika Finali**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Russja | 5 | 5 | 0 | 0 | 122 | 26 | 15 |
| Malta | 5 | 3 | 1 | 1 | 65 | 51 | 10 |
| Portugall | 5 | 3 | 0 | 2 | 50 | 57 | 9 |
| Izrael | 5 | 2 | 1 | 2 | 47 | 50 | 7 |
| Danimarka | 5 | 1 | 0 | 4 | 46 | 67 | 3 |
| Bulgarija | 5 | 0 | 0 | 5 | 35 | 114 | 0 |

**RIŻULTATI U SKORERS**

**Il-Ħamis, 4 ta' April**
Malta v Portugall.......................16-8
(6-0, 4-3, 2-3, 4-2)
Skorers - Steve Camilleri 7, Niki Lanzon 2, Mark Meli 2, Matthew Zammit, Michele Stellini, Timmy Sullivan

**Il-Ġimgħa, 5 ta' April**
Malta v Russja...........................8-20
(0-4, 0-6, 5-6, 3-4)
Skorers - Steve Camilleri 3, Niki Lanzon 3, Matthew Zammit 2

Malta v Danimarka ................11-10
(2-2, 3-0, 3-4, 2-5)
Skorers - Steve Camilleri 6, Matthew Zammit 3, Jordan Camilleri, Niki Lanzon

**Is-Sibt, 6 ta' April**
Malta v Bulgarija.......................24-7
(6-2, 7-1, 6-2, 5-2)
Skorers - Stevie Camilleri 6, Matthew Zammit 5, Niki Lanzon 3, John Brownrigg 3, Michele Stellini 2, Timmy Sullivan, Sean Gravina, Peter Borg, Mark Meli, Jordan Camilleri

**Il-Ħadd, 7 ta' April**
Malta v Iżrael .............................6-6
(2-3, 1-0, 1-1, 2-2)
Skorers - Steve Camilleri 4, Mark Meli, Matthew Zammit

It-team nazzjonali tal-waterpolo kiseb suċċess kbir meta spiċċa fit-tieni post ta' Grupp C tar-round preliminari tal-Kampjonat Ewropew, 2014, li sar f'Odense, fid-Danimarka, billi kiseb tliet rebħiet, waħda draw u sofra telfa waħda. Bla dubju, dawn ir-riżultati kienu minn fost l-aqwa li qatt kiseb it-team nazzjonali Malti barra minn xtutna.

Għal dan is-suċċes, l-ASA laqqgħet konferenza tal-aħbarijiet fejn il-coach, Karl Izzo, qal li dan is-suċċess kien esperjenza li se jibqa' jiftakar għal għomru minħabba r-riżultat pożittivi kontra timijiet li huma ferm ikkwotati fil-logħba tal-waterpolo.

Min-naħa tal-president tal-Assoċjazzjoni, is-Sur Joe Caruana Curran, sostna li dawn ir-riżultati pożittivi ma ġewx b'kumbinazzjoni iżda waslu minn kontinwazzjoni u perseveranza li wera dan il-grupp ta' players waqt il-prestazzjonijiet fil-kompetizzjoni kif ukoll waqt il-preparazzjoni tagħhom.

"Iż-żewġ coaches, Karl Izzo u Anthony Farrugia, għamlu xogħol importanti ħafna biex setgħu jirriorganizzaw l-iskwadra li baqgħet immotivata sal-aħħar.

"L-Assoċjazzjoni, permezz ta' Marco Manara (li fir-round preliminari kellu l-irwol ta' team manager) u Alan Bonello, kienet strumentali wkoll għal mod perfett fil-preparazzjoni loġistika.

"L-impenn u l-għan tal-ASA f'dawn il-kompetizzjonijiet huwa li twassal lill-coaches u lill-players bl-aktar mod trank-will biex jiffaċċjaw l-isfidi li jkollhom quddiemhom.

"Hekk ġara matul it-tournament kollu minħabba li l-atmosfera ta' ħbiberija li kienet teżisti bejn il-kontinġent u l-players kienet waħda indeskrivibbli. Ir-rispett u l-għaqda spikkaw fost kollox.

"Għaldaqstant ħassejtni kburi li jien Malti għax urejna professjonalità u dixxiplina daqs kull team parteċipant kemm fil-pixxina kif ukoll lil hinn mill kompetizzjoni nnifisha. Dan kollu jawgura tajjeb jekk irridu nibqgħu ninvestu l ħin u l-finanzi tagħna fit-timijiet nazzjonali kollha.

"Iżda l-ASA se tkompli tiffoka fuq il-ħidma tagħha fejn tinsab kuntenta ħafna bix-xogħol taż-żewġ coaches preżenti li rriflettа tant tajjeb fir-riżultati miksuba. Huwa fatt li l-istilel kienu (ġustament) il-players, li iżda, kienu fdati fi tmexxija tajba immens.

"Ninsabu kburin li konna l-iċken pajjiż fi grupp li kien ifformat minn bosta ġganti fil-logħba tal-waterpolo kif ukoll fil-kobor ta' dawn il-pajjiżi rispettivi.

Fl-aħħarnett, is-Sur Manara, ħabbar li l-ASA tinsab f'kuntatti ma' bosta Assoċjazzjonijiet barranin bil-possibbiltà li jiġi organizzat tournament internazzjonali tal-waterpolo, f'Malta.

L-iskwadra kienet komposta minn: Peter Borg (Exiles); Alan Borg Cole (Neptunes); John Brownrigg (Sliema), Dean Camilleri (San Ġiljan); Steven Camilleri (Neptunes); Jordan Camilleri (Neptunes); Sean Gravina (Neptunes); Niki Lanzon (Neptunes); Mark Meli (Sliema); Michele Stellini (Neptunes); Timothy Sullivan (Sliema); Matthew Zammit (San Ġiljan); Dino Zammit (Sirens).

## Jittellgħu l-poloz tal-Kampjonati tas-sajf

# Neptunes jibdew id-difiża tagħhom kontra Exiles

L-edizzjoni tal-2013 tal-Kampjonati BOV tas-Sajf tal-waterpolo se tara 11–il team jikkompetu fl-aqwa avveniment sportiv, li jibda fis-7 ta' Ġunju u jintemm fl-aħħar ta' Awwissu.

L-ewwel ħames timijiet ser jikkwalifikaw għall-Premier Division waqt li ħamsa oħra jilagħbu fl-Ewwel Diviżjoni fi tlitt rounds. In-novità ta' din is-sena hija li mhux se jkun hemm play-offs iżda l-kampjonat jintlagħab fuq tliet rounds.

Il-poloz tal-Premier Division, tal-Ewwel Diviżjoni u tan-Knock Out ittellgħu mis-Sur Anthony Scicluna, Chief Officer Group Internal Audit tal-Bank of Valletta u mis-Sur Joe Caruana Curran, il-President tal ASA waqt konferenza tal-aħbarijiet li saret fil-kwartieri ġenerali tal-BOV f'Sta Venera, fil-preżenza tas-Segretarju Ġenerali tal-ASA, Marco Manara.

Iċ-Champions Neptunes ser jidbew jiddefendu t-titlu tagħhom kontra Exiles filwaqt li San Giljan jiltaqgħu kontra Sliema fl-ewwel partita tagħhom li għandha sservi bħala prova ġenerali għar-round preliminari tan-Knock-Out li ser tintlagħab fit-30 ta' Ġunju fejn iż-żewġ timijiet jerġgħu jiltlaqgħu biex wieħed minnhom jgħaddi għas-semi-finali tal-kompetizzjoni. Din hija wkoll it-tielet darba li ż-żewġ rivali qed jitilgħu kontra xulxin fl-ewwel partita tagħhom.

"Din hija is-sitt sena minn mindu sar il-ftehim ta' sponsorizzazzjoni bejn il-BOV u l-ASA u wara r-riżultati eċċellenti tat-tim nazzjonali fid-Danimarka, aħna ninsabu fiduċjużi li bl-għajnuna tal-bank, il-livell tal-waterpolo kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali ser jilħaq dimensjonijiet ġodda b'iktar kompetizzjoni bejn it-timijiet," qal is-Sur Scicluna.

Is-Sur Caruana Curran qal: "Għal darb'oħra, l-ASA tesprimi l-gratitudni tagħha lil Bank għall-appoġġ li jagħti lill-Assoċjazzjoni. Aħna kunfidenti li r-relazzjoni bejn il-Bank u l-Assoċjazzjoni ser tkompli tikber fix-xhur li ġejjin."




Is-Sur Anthony Scicluna, Chief Officer Group Internal Audit tal-Bank of Valletta flimkien Joe Caruana Curran il-President tal ASA, ittella' l-poloz tal-Kampjonat tal-waterpolo tas-sajf



Neputnes jiċċelebraw ir-rebħ tal-Kampjonat tal-waterpolo tas-sena li għaddiet

Il-Poloz għall-Kampjonat tas-sajf ittellgħu hekk:

**Il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju 2013**
Marsaxlokk vs Valletta
Exiles vs Neptunes

**Is-Sibt, 8 ta' Ġunju 2013**
Marsaskala vs Ta' Xbiex
Sliema vs San Ġiljan

**It-Tlieta, 11 ta' Ġunju 2013**
Ta' Xbiex vs Otters
San Ġiljan vs Sirens

**L-Erbgħa, 12 ta' Ġunju 2013**
Valletta vs Marsaskala
Neptunes vs Sliema

**Il-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju 2013**
Marsaskala vs Marsaxlokk
Sliema vs Exiles

**Is-Sibt, 15 ta' Ġunju 2013**
Otters vs Valletta
Sirens vs Neptunes

**Il-Ġimgħa, 21 ta' Ġunju 2013**
Marsaxlokk vs Ta' Xbiex
Exiles vs San Ġiljan

**Is-Sibt, 22 ta' Ġunju 2013**
Marsaskala vs Otters
Sliema vs Sirens

**It-Tlieta, 25 ta' Ġunju 2013**
Otters vs Marsaxlokk
Sirens vs Exiles

**L-Erbgħa, 26 ta' Ġunju 2013**
Ta' Xbiex vs Valletta
San Ġiljan vs Neptunes

**It-Tlieta, 2 ta' Lulju 2013**
Valletta vs Marsaxlokk
Neptunes vs Exiles

**L-Erbgħa, 3 ta' Lulju 2013**
Ta' Xbiex vs Marsaskala
San Ġiljan vs Sliema

**Il-Ġimgħa, 5 ta' Lulju 2013**
Otters vs Ta' Xbiex
Sirens vs San Ġiljan

**Is-Sibt, 6 ta' Lulju 2013**
Marsaskala vs Valletta
Sliema vs Neptunes

**It-Tlieta, 23 ta' Lulju 2013**
Marsaxlokk vs Marsaskala
Exiles vs Sliema

**L-Erbgħa, 24 ta' Lulju 2013**
Valletta vs Otters
Neptunes vs Sirens

**Il-Ġimgħa, 26 ta' Lulju 2013**
Ta' Xbiex vs Marsaxlokk
San Ġiljan vs Exiles

**Is-Sibt, 27 ta' Lulju 2013**
Otters vs Marsaskala
Sirens vs Sliema

**Il-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu 2013**
Marsaxlokk vs Otters
Exiles vs Sirens

**Is-Sibt, 3 ta' Awwissu 2013**
Valletta vs Ta' Xbiex
Neptunes vs San Ġiljan

**It-Tlieta, 6 ta' Awwissu 2013**
Marsaxlokk vs Valletta
Exiles vs Neptunes

**L-Erbgħa, 7 ta' Awwissu 2013**
Marsaskala vs Ta' Xbiex
Sliema vs San Ġiljan

**Il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu 2013**
Ta' Xbiex vs Otters
San Ġiljan vs Sirens

**Is-Sibt, 10 ta' Awwissu 2013**
Valletta vs Marsaskala
Neptunes vs Sliema

**Il-Ġimgħa, 16 ta' Awwissu 2013**
Marsaskala vs Marsaxlokk
Sliema vs Exiles

**Is-Sibt, 17 ta' Awwissu 2013**
Otters vs Valletta
Sirens vs Neptunes

**Il-Ġimgħa, 23 ta' Awwissu 2013**
Marsaxlokk vs Ta' Xbiex
Exiles vs San Ġiljan

**Is-Sibt, 24 ta' Awwissu 2013**
Marsaskala vs Otters
Sliema vs Sirens

**Il-Ġimgħa, 30 ta' Awwissu 2013**
Otters vs Marsaxlokk
Sirens vs Exiles

**Is-Sibt, 31 ta' Awwissu 2013**
Ta' Xbiex vs Valletta
San Ġiljan vs Neptunes

**Knock-Out - Round Preliminari**
**Il-Ħadd, 30 ta' Ġunju 2013**
Otters vs Ta' Xbiex
San Ġiljan vs Sliema
Il-poloz għas-semi-finali taż-żewġ kompetizzjonijiet jitttellgħa fl-aħħar tar-round.

# Żewġ telfiet għal Malta

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Svizzera | 4 | 3 | 0 | 1 | 92 | 75 | 14 |
| Olanda | 3 | 3 | 0 | 0 | 96 | 33 | 13 |
| Malta | 4 | 1 | 0 | 3 | 73 | 104 | 5 |
| Kroazja | 2 | 1 | 0 | 1 | 40 | 48 | 4 |
| Litwanja | 3 | 0 | 0 | 3 | 54 | 95 | 0 |




**F'temp ta' ġimgħa, f'żewġ logħbiet mill-Kampjonat Ewropew ta' Diviżjoni 2A, Malta sofriet żewġ telfiet - mill-Isvizzera bl-iskor ta' 19-10 u mill-Olanda bl-iskor ta' 48-10 rispettivament.**

Il-logħba kontra l-Isvizzzera ntlagħbet, nhar is-Sibt 6 ta' April, fil-Hibernians Stadium fejn wara biss erba' minuti, l-avversarji marru fil-vantaġġ minn penalty ta' Simon Perrod biex, 10 minuti wara, l-istess Perrod għamilhom 8-0.

Fil-31 minuta, Tom Holloway naqqas il-marġni tal-iskor għal Malta (8-5), li iżda mbagħad, James O'Brien, naqas milli jikkonverti penalty.

Fit-34 minuta, l-Isvizzera ingħataw penalty li minnu Simon Perrod ma żbaljax biex, fil-58 minuta, l-istess player kompla żied il-vantaġġ.

Kien fit-63 minuta li l-Maltin reġgħu naqqsu d-distakk għal erba' punti minn James O'Brien għal skor ta' 14-10.

Fit-68 minuta, l-Isvizzera reġgħu kabbru l-vantaġġ b'ħames punti oħra għal skor finali ta' 19-10.

Is-Sibt, 13 ta' April, il-Maltin sabu ostaklu diffiċli meta marru jilagħbu, f'Amsterdam. Wara biss ftit minuti, l-Olandiżi fetħu vantaġġ ta' sitt punt permezz ta' żewġ penalties.

L-affarijiet għall-Maltin komplew imorru ħażin meta l-player Clayton Cassar, tkeċċa għal għaxar minuti, biex l-Olandiżi approfittaw biex eventwalment fetħu vantaġġ ta' 20-0.

Kien James O'Brien li naqqas il-marġni għal Malta wara li falla penalty-kick iżda l-avversarji rreġistraw it-tielet try tagħhom tal-logħba għal skor ta' 27-3. Huma komplew juru l-qawwa tagħhom u ma kienet l-ebda sorpriża li komplew ikabbru l-vantaġġ għal 41-3.

Imbagħad kien imiss lill-Maltin biex jirreġistraw try oħra mis-solitu James O'Brien. Finalment, l-Olandiżi komplew juru l-potenzjal tagħhom biex lejn it-tmiem għamlu l-iskor finali ta' 48-10.








Our National Pride
CISK LAGER
Cisk is... Cisk
MALTA
RUGBY FOOTBALL UNION
OFFICIAL SPONSOR OF THE MALTA RUGBY FOOTBALL UNION
CISK
LAGER
Finest Quality Lager Beer
ENJOY RESPONSIBLY
Find us on: facebook
drinkawaremalta.com
for the facts

MINN JOE BAJADA

## Final tat-Tazza Jum il-Ħelsien

# Nadur Youngsters għall-ħames darba





*Players, staff tekniku u diriġenti ta' Nadur Youngster jiċċelebraw is-suċċess tat-Tazza Jum il-Ħelsien*

*Il-captain ta' Nadur Youngsters, Anthony Portelli, jirċievi t-Tazza Jum il-Ħelsien mingħand il-Ministru għal Għawdez, Anton Refalo*

**Fil-21 edizzjoni tal-Finali tat-Tazza Jum il-Ħelsien, iċ-champions il-ġodda Nadur Youngsters żiedu unur ieħor għalihom meta meritatament għelbu l-isfida ta' Kerċem Ajax biex b'hekk f'din l-għaxar finali tagħhom f'din it-Tazza, Nadur issa rebħuha għall-ħames darba fl-istorja tagħhom.**

Nadur kienu dominanti, l-iktar fit-tieni fażi, fejn taw wirja oħra konvinċenti li kkonfermat li preżentament huma l-aqwa team fil-gżira Għawdxija. Fuq kollox, ir-riżultat finali ta' 5-0 jikkonferma dan kollu. Kienet fuq kollox ukoll wirja kollettiva bil-protagonisti jkunu Claudio Antunes u Milos Stojanovic li skorjaw doppjetta kull wieħed. Għal Kerċem din kienet it-tielet final tagħhom fejn bħat-tnejn ta' qabel spiċċaw fuq in-naħa telliefa. Bla dubju, it-tkeċċija ta' Rais ħalliet l-effetti tagħha u biex tiġihom aktar ħażin spiċċaw jilagħbu b'disa' players.

Kien bidu bilanċjat biż-żewġ naħat joħolqu xi okkażjonijiet sakemm, fl-34 minuta, Nadur kienu sfortunati meta minn corner ta' Stojanivic, Joseph Portelli kellu rovexxjata li spiċċat ma' sieq il-lasta. Fit-38 minuta, waslet l-iżvolta tal-partita meta minn corner ieħor ta' Milos Stojanovic, Claudio Antunes kellu d–daqqa ta' ras miżmuma minn fuq il-linja minn id Sabri Rais u wara t-tkeċċija tal-istess Rais, Anthony Portelli ra lil Courtney Mercieca jsalvalu parzjalment u mbagħad reġa mblokkalu x-xutt dgħajjef mir-rebound. Madankollu Nadur approfittaw mill-vantaġġ numeriku żewġ minuti fuq il hin meta rnexxielhom jiżblokkaw ir-riżultat permezz ta' xutt fil-baxx mill-viċin ta' Joseph Portelli wara li kien irċieva mingħand Charles Hili.

Fil-bidut tat-tieni taqsima, Kerċem ħarġu jfittxu li jerġgħu jidħlu fil-partita, però kienu Nadur li rdoppjaw, fl-10 minuta, meta minn pass ta' Charlie Hili lejn Joseph Portelli u mill-cross tiegħu, Claudio Antunes żmarkat fil-kaxxa, b'xutt mill-viċin għeleb lil Mercieca. Fit-22 minuta, il-Youngsters aċċertaw meta cross fil-baxx mil-lemin ta' Joseph Portelli għeleb lid-difiża ta' Kerċem biex Milos Stojanovic ma kellux diffikultà jitfa' ġewwa mill-viċin. Imbagħad, fis-26 minuta, l-istess Milos Stojanovic bir-ras kiseb doppjetta personali wara cross ta' Simoncic wara azzjoni ta' corner. Nadur komplew bl-assedju tagħhom u, fl-34 minuta, Kerċem spiċċaw jilagħbu b'disa' players meta tkeċċielhom ukoll Aroon Buttigieg wara li kien muri t-tieni karta safra. Nadur, imbagħad issiġillaw dan is-suċċess tagħhom minuta fuq il-ħin meta minn pass tas-sostitut Josef Buttigieg, Claudio Antunes b'xutt fil-baxx ukoll kiseb doppjetta personali.

Fi tmiem il-finali Dr. Anton Refalo, Ministru għal Għawdex, assistit minn Joe Bajada u George Cini, Segretarju Ġenerali u Teżorier rispettivament tal-GFA, ippreżenta t-Tazza Jum il-Ħelsien lil Anthony Portelli, captain ta' Nadur Youngsters fost il-ferħ tal-partitarji numerużi tagħhom għal dan it-tielet suċċess li kisbu s'issa f'dan l-istaġun.

*Kerċem Ajax*: C. Mercieca, A. Buttigieg, M. Tabone (Mi. Vella), J. P. Mizzi, S. Rais, S. Sakaliev, Ma. Vella (A. Mizzi), I. Xuereb, K. Mifsud, P. Kyumyurdzhiev, J. Azzopardi.

*Nadur Youngsters*: M. Grima, B. Meilaq, F. Camilleri, S. Attard (C. Mercieca), S. Muller, A. Simoncic, C. Hili (C. Debono), M. Stojanovic, A. Portelli (J. Buttigieg), C. Antunes, J. Portelli.

*Referee*: Roderick Sciberras

# DON'T THROW AWAY...
# LET SOMEONE RE-USE TODAY!

RE-USE.com.mt

FREEPHONE 8007 2200

pre-waste

10th ANNIVERSARY WasteServ

INTERREG IVC
INNOVATION & ENVIRONMENT
REGIONS OF EUROPE SHARING SOLUTIONS

**INTERREG IVC – Cohesion Policy 2007 – 2013**
**Innovation & Environment**
**Regions of Europe Sharing Solutions**

This Project is part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU; 15% Malta

*Investing in your future*

# Il-finali għar-rebħ tat-titlu bejn Floriana u Athleta



AtoZ Electronics Athleta v Pavi Depiro

Fil-Kampjonat Nazzjonali BOV tal-Ewwel Diviżjoni Irġiel, proprju għada tintlagħab il-logħba deċiżiva għar-rebħ tat-titlu bejn Floriana Francesco Fenech u AtoZ Electronics Athleta. Dan wara li fl-erba' play-offs preċedenti spiċċaw fi draw ta' 2-2 bi Floriana darbtejn jieħdu l-vantaġġ. Dawn iż-żewġ timijiet iltaqgħu f'din il-final wara li fis-semi-finali għelbu lil Siggiewi u lil Rabat Depiro rispettivament.

**Kampjonat Nazzjonali BOV – Irġiel I Div.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Floriana Fran. F. | 10 | 8 | 2 | 18 |
| Pavi Depiro | 10 | 6 | 4 | 16 |
| Bupa Luxol | 10 | 3 | 7 | 13 |

**BOV Play Offs I Div. Irġiel – Semi Finali 1**

**Floriana Francesco Fenech....71**
**Siggiewi ..............................61**
(18-13, 12-20, 15-14, 26-14)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, S. Gouder

**AtoZ Electronics Athleta.......68**
**Pavi Depiro ..........................64**
(18-23, 13-13, 19-12, 18-16)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, C. Terribile

**Semi Finali 2**

**Pavi Depiro ..........................71**
**AtoZ Electronics Athleta ......53**
(17-15, 16-11, 17-5, 21-22)
Referis: E. Mangani, C. Terribile, J. Abeng

**Siggiewi ..............................83**
**Floriana Francesco Fenech....69**
(22-17, 25-20, 15-18, 21-14)
Referis: E. Mangani, C. Terribile, S. Gouder

**Semi Finali 3**

**Floriana Francesco Fenech .. 79**
**Siggiewi ..............................56**
(16-12, 26-12, 15-14, 22-18)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, T. Brown

**AtoZ Electronics Athleta.......71**
**Pavi Depiro .........................67**
(wara l-hin barrani)
(21-16, 13-19, 14-7, 13-19) – (10-6)
Referis: G. Barbara, C. Terribile, T. Brown

**Finali 1**

**Floriana Francesco Fenech..111**
**AtoZ Electronics Athleta.....106**
(wara 3 hinjijiet barranin)
(20-22, 20-9, 16-17, 19-27) – (11-11) – (14-14) – (11-6)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, J. Abeng

**Finali 2**

**AtoZ Electronics Athleta.......80**
**Floriana Francesco Fenech....69**
(14-18, 19-14, 16-18, 31-19)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, A. Carbonaro

**Finali 3**

**Floriana Francesco Fenech ...84**
**AtoZ Electronics Athleta.......69**
(16-21, 19-21, 25-11, 24-16)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, C. Terribile

**Finali 4**

**AtoZ Electronics Athleta.......91**
**Floriana Francesco Fenech....82**
(27-25, 16-11, 29-18, 19-28)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, E. Mangani

Il-kategorija tal-Promotion Pool tintlagħab bejn l-aħħar żewġ timijiet tal-Ewwel Diviżjoni u l-ewwel żewġ timijiet mit-Tieni Diviżjoni. Bupa Luxol u Tata Motors Loyola għaddew, b'żewġ rebħiet, fuq St. Nicholas Suns u Starlites, rispettivament. Loyola għelbu lil Luxol fl-ewwel final, imma mbagħad kienu Luxol rebbieħa fit-tieni finali.

**BOV Promotion Pool – Irġiel I/II Div.**

**Semi Finali 1**

**Bupa Luxol ...........................95**
**St. Nicholas Suns..................68**
(27-15, 25-22, 16-23, 27-8)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, S. Gouder

**Tata Motors Loyola..............56**
**Starlites ..................................52**
(11-16, 18-6, 8-19, 19-11)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, S. Gouder

**Semi Finali II**

**St. Nicholas Suns..................54**
**Bupa Luxol ..........................92**
(18-22, 10-20, 15-25, 11-25)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile, L. Cami

**Starlites.................................56**
**Tata Motors Loyola..............69**
(20-20, 8-19, 24-19, 4-11)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile, L. Camilleri

**Final (I)**

**Bupa Luxol...........................64**
**Tata Motors Loyola..............65**
(17-11. 16-24, 13-20, 18-10)
Referees: B. Vassallo, G. Barbara, E. Mangani

**Final (2)**

**Tata Motors Loyola..............55**
**Bupa Luxol...........................62**
(14-22, 17-17, 21-9, 3-14)
Referees: G. Barbara, E. Mangani, C. Terribile

**Kampjonat Nisa**

Fil-Kampjonat St. James Hospital tan-Nisa saru magħrufa l-finalisti, Rabat Depiro u Luxol wara li fis-semi-finali għelbu lil Alyssa Ashley Loyola u lil Hibernians rispettivament.

**Starlites Sports Experience....65**
**Phoenix Petrus Qormi .........38**
(20-13, 12-6, 14-9, 19-10)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Luxol ...................................71**
**Honey Athleta.......................69**
(18-19, 17-7, 8-23, 28-20)
Referis:A. Carbonaro, J. Mangani

**Hibernians...........................33**
**Pavi Depiro ..........................44**
(10-11, 7-12, 6-17, 10-4)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Phoenix Petrus Qormi..........65**
**Hibernians...........................75**
(17-18, 13-22, 22-19, 13-16)
Referis: E. Mangani, Z. Dobrosavljevic

**Alyssa Ashley Loyola............58**
**Luxol ...................................71**
(21-15, 11-18, 16-14, 10-24)
Referis: E. Mangani, B. Sly

**Honey Athleta.......................65**
**Alyssa Ashley Loyola............80**
(10-18, 24-20, 11-20, 20-22)
Referis: B. Vassallo, B. Sly

**Honey Athleta.......................69**
**Starlites Sports Experience....43**
(15-7, 12-17, 25-2, 17-17)
Referis: E. Mangani, J. Mangani

**Klassifika finali**

| | L | R | T | Pt |
|---|---|---|---|---|
| Luxol | 12 | 11 | 1 | 23 |
| Pavi Depiro | 12 | 10 | 2 | 22 |
| Alyssa Ashley Loyola | 12 | 8 | 4 | 20 |
| Hibernians | 12 | 7 | 5 | 19 |
| Honey Athleta | 12 | 4 | 8 | 16 |
| Starlites Spts. Exp. | 12 | 1 | 11 | 13 |
| Phoenix Petrus Qormi | 12 | 1 | 11 | 13 |

**Play Offs Nisa**
**Semi Finali 1**

**Luxol ...................................53**
**Hibernians...........................43**
(17-8, 7-16, 9-6, 20-13)
Referis: E. Mangani, C. Terribile, L. Camilleri

**Pavi Depiro ..........................86**
**Alyssa Ashley Loyola............52**
(26-17, 20-11, 21-13, 19-11)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, C. Terribile

**Semi Finali 2**

**Hibernians...........................46**
**Luxol ...................................42**
(12-4, 9-10, 18-14, 7-14)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, E. Mangani

**Alyssa Ashley Loyola............61**
**Pavi Depiro ..........................86**
(17-22, 12-21, 17-18, 15-25)
Referis: G. Barbara, E.; Mangani, C. Terribile

**Semi Finali 3**

**Luxol ...................................70**
**Hibernians...........................57**
(23-12, 21-13, 8-17, 18-15)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, C. Terribile

**Finali 1**

**Luxol ...................................54**
**Pavi Depiro ..........................76**
(6-20, 14-18, 15-18, 19-20)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, C. Terribile


Floriana Francesco Fenech v Siggiewi

MINN VINCENT PISANI



**BRIAN CINI**
eliminat fir-round tal-Aħħar 32
tal-Kampjonat Ewropew U/21



# Brian Cini
## eliminat fir-round tal-Aħħar 32
### - Jieħdu sehem rekord ta' 83 player minn 27 pajjiż

**Il-player żagħżugħ Malti, Brian Cini, kiseb riżultat sodisfaċenti meta inexxielu jgħaddi għal-round tal-Aħħar 32 filwaqt li l-player Malti l-ieħor li ħa sehem, Mathew Calleja, inqala' mill-Fażi tal-gruppi. Il-logħob sar fil-belt ta' Bor, fis-Serbja.**

Ta' min isemmi li ċ-champion Malti, Christopher Peplow, ma telax is-Serbja biex jieħu sehem minħabba nuqqas ta' għajnuna finanzjarja mill-MBSA. Min-naħa tal-player numru 2, Brian Cini, biex seta' jipparteċipa, kellu jħallas aktar mid-doppju għall-passaġġ tal-ajru (minn dak li kien xi xahrejn qabel) minħabba li ġie avżat, ftit ġranet biss qabel, li ma kienx hemm fondi biżżejjed biex jieħu sehem f'dan il-Kampjonat Ewropew. Għaldaqstant kemm Cini kif ukoll Calleja kellhom jagħmlu tajjeb huma stess

Intant, fil-Fażi tal-Gruppi, minn Grupp C, Brian Cini rebaħ tliet logħbiet u tilef waħda biex spiċċa fit-tieni post tal-grupp u kkwalifika għall-Fażi Finali filwaqt li Mathew Calleja, minn Grupp D, rebaħ logħba waħda u tilef tliet logħbiet biex spiċċa fir-raba' post tal-grupp tiegħu.

Ir-rebħiet ta' Cini waslu kontra Andy McClosky (Irlanda) 3-0 (61-25, 62-34 u 75-47), Nikolay Krivda (Russja) 3-0 (63-1, 70-29 u 78-13) u Vergil Mavrodiev (Bulgarija) 3-0 (59-15, 74-36 u 70-30) filwaqt li tilef kontra Alexander Ursenbacher (Svizzera) 1-3 (52-62, 29-67, 66-30 u 3-78).

Calleja rebaħ logħba kontra r-Russu Michail Terekhov 3-0 (62-49, 74-1 u 56-32) filwaqt li tilef kontra Ruberg Shachar tal-Iżrael 2-3 (69-39, 55-26, 29-62, 1-88 u 30-56), Sam Thomas ta' Wales 0-3 (46-71, 49-58 u 36-70) u Ivailo Pekov tal-Bulgarija 2-3 (73-45, 66-23, 33-59, 37-69 u 21-49).

Ta' min isemmi wkoll li Calleja għamel 'break' sabiħ ta' 68 u kien żvinturat li kemm kontra Schachar kif ukoll kontra Pekov huwa kien 2-0, minn fuq, iżda finalment tilef it-tliet logħbiet sussegwenti għal 2-3.



**Zielona Gora** - il-kumpless fil-belt ta' Bor, fis-Serbia, fejn intlagħbu bosta Kampjonati Ewropej tas-Snooker

Kif intemmet il-Fażi tal-Gruppi, Brian Cini ġie kklassifikat u seeded fit-22 post minn total ta' 83 players biex ikkwalifika li jilgħab fil-Fażi Finali fejn beda fir-round tal-Aħħar 48. Cini ltaqa' kontra Mario Amza tar-Rumanija fejn il-player Malti rebaħ 4-0, biex fir-round ta' wara, jiġifieri, fl-aħħar 32 huwa tilef mal-player Ingliż Elliot Slessor 4-0.

Il-Kampjonat Ewropew intrebaħ mill-player Ingliż James Cahill fejn fil-Final huwa għeleb lill-player Ingliż ieħor, Ashley Carty, 6-0 biex issa se jieħu l-istatus ta' player professjonali għas-sentejn li ġejjin.

## MALTA POOL ASSOCIATION

# Johan Attard jirbaħ il-Kampjonat Malti ... u Ray Pisani jirbaħ il-Kampjonat tal-U/18

**Johan Attard sar iċ-champion nazzjonali tal-Pool, organizzat mill-Malta Pool Association, meta fil-final għeleb lil Raymond Caruana 9-4.**

Fis-semi-finali, Attard rebaħ lil Jason Mifsud 8-3 filwaqt li Caruana għeleb lil Kevin Mercieca 8-5.

Ir-riżultati tal-kwarti-finali kienu dawn: Johan Attard v Christ Tabone 7-3; Raymond Caruana v Mario Cutajar 7-5; Jason Mifsud v Antoine Aquilina 7-4 u Kevin Mercieqa v Philip Ciantar 7-2.

Wara li għadu kemm kiseb unur eċċezzjonali, meta fil-Kampjonat Ewropew ta' Taħt it-18-il sena wasal sal-finali, il-player żagħżugħ Ryan Pisani rnexxielu jirbaħ il-Kampjonat Malti ta' Taħt it-18-il sena.

Fil-finali, Pisani għeleb lil Scott Muscat 8-3 filwaqt li fis-semi-finali huwa għeleb lil Ryan Falzon 8-2. Fis-semi-finali l-oħra, Muscat għeleb lil Dylan Cassar 6-4.

## KAMPJONAT EWROPEW TAT-TIMIJIET U TAL-MASTERS - SERBJA 2013

# Malta ma tieħux sehem għall-ewwel darba

**It-timijiet nazzjonali Maltin tal-Irġiel u l-Masters għall-ewwel darba fl-istorja naqsu milli jieħdu sehem fil-Kampjonati Ewropej, li saru ġewwa Bor, fis-Serbja, minħabba nuqqas ta' fondi biex jitħallsu l-ispejjeż tal-vjaġġi bl-ajru kif ukoll tal-akkomodazzjoni tal-players.**

Bla dubju, din hija sitwazzjoni nkwetanti għall-futur tal-logħba Maltija. Barra minn hekk, kienet ħasra wkoll li din is-sena ma ġewx organizzati l-Kampjonati tal-Masters, it-Tielet Diviżjoni u dak ta' Taħt is-16-il sena.

Hija ħaġa ovvja li meta ma jiġix organizzat il-Kampjonat ta' Taħt is-16-il sena, ifisser li jekk illum dawn iż-żgħażagħ mhux qed jiġu nvoluti f'din il-logħba, il-futur se jkun wieħed inċert għall-aħħar bil-possibbiltà li s-snooker jista' jmut mewta naturali.

Ta' min ifakkar li Malta kienet rebħet il-Kampojnat tal-Irġiel, darbtejn konsekuttivi, fl-2004 u fl-2005.

It-team Malti kien se jkun kompost minn Alex Borg, Duncan Bezzina u Mario Brincat, b'dan tal-aħħar kien se jkun inkluż għall-ewwel darba.

Il-Kampjonat Ewropew tal-Irġiel, din is-sena, intrebaħ minn Wales fejn, fil-final, għeleb lill-Iskozja 8-7. It-team ta' Wales kien magħmul minn David John, Rhydian Richards u John Bevan filwaqt li dak Skoċċiż kien magħmul mit-tliet żgħażagħ Rhys Clark, Joseph Mclaren u Dylan Graig. Clark u Mclaren kienu ħadu sehem fil-European Under 17 Snooker Open, organizzat minn Pro-Am Snooker u li jiġi organizzat kull sena.

Il-Kampjonat tal-Masters intrebaħ mill-Irlanda fejn fil-Final għelbet lill-Belgju 5-3. Għat-team Irlandiż lagħbu l-koppja Mark Tiute u Anthony Bonnar filwaqt li Peter Bullen u Mario Van Herk irrappreżentaw lil-Belġju.

Fil-Kampjonat tal-Irġiel saru seba' breaks fuq il-100 filwaqt li fil-Kampjonat tal-Masters ma sar l-ebda break ta' 100 jew aktar. Infakkru li fil-Kampjonat ta' Taħt il-21 sena saru 13-il break fuq il-100.

## EUROPEAN BLACKBALL TEAM CHAMPIONSHIP INGILTERRA 2013

# Malta tispiċċa fis-seba' post

It-tim nazzjonali Malti ħa sehem għall-ewwel darba fil-European Blackball Championship li sar l-Ingilterra fejn minn disa' nazzjonijiet parteċipanti, Malta spiċċat fis-seba' post.

Malta lagħbet tmien logħbiet li minnhom rebħet tnejn u tilfet sitta. Ir-rebħiet waslu kontra Gibiltà 17-8 u kontra l-Irlanda ta' Fuq 14-11 filwaqt li l-Maltin kienu żvinturati li tilfu tlieta, mis-sitt telfiet, bl-iskor ta' 13-12. It-telfiet waslu kontra l-Iskozja 17-8, Ingilterra 15-10, Wales 13-12, Franza 13-12, Katalonja 14-11 u r-Repubblika tal-Irlanda 13-12.

Fil-fażi tar-Round Robin, Wales spiċċat fl-ewwel post b'27 punt segwita mill-Ingilterra b'25 punt, Skozja u l-Irlanda ta' Fuq bi 23 punt, Franza bi 17-il punt, Katalonja 16-il punt, Malta 12-il punt, Repubblika Irlandiża 10 punti u fl-aħħar post, Gibiltà b'punt wieħed biss.

Ivan Rizzo, irnexxielu jasal sal-Final fil-Kampjonat Individwali Ewropej fejn tilef 6-5. Huwa rebaħ is-somma ta' £500. Fid-doubles, il-koppja Maltija Maverick Zammit u Lydon Debono waslu sas-semi-finali fejn tilfu 3-1 kontra l-Ingilterra wara li fil-kwarti-Finali għelbu lil Franza. It-team nazzjonali ta' Taħt it-23 sena rnexxielu wkoll jasal sas-semi finali fejn tilef 13-4 kontra Franza.



**Ivan Rizzo**
wasal sal-final tal-Kampjonat Individwali Ewropew

# Nabab du Chatelet jirbaħ it-Tazza l-Kbira



**Nabab du Chatelet, misjuq minn Charles Camilleri, rebaħ It-Tazza l-Kbira liema tiġrija saret fl-14 ta' dan ix-xahar, fil-korsa tal-Marsa quddiem ċertament waħda mill-akbar folol għal dawn l-aħħar għaxar snin.**

Din il-final kienet għal bosta jiem mistennija minn ħafna dillettanti, fejn minnha naqqsu tnejn, Count Of Life u Quebec, b'dawn ġew skraċċjati aktar kmieni matul il-ġimgħa.

L-aktar li bdew bħala favoriti kienu Okilaibo, Odejalo u Kaklsls. Mlnn dawn klen biss Okilaibo, li kompla jkun protagonist sal-aħħar meta spiċċa fit-tielet post.

It-tnejn l-oħra ddiżapuntaw bil-kbir, tant li spiċċaw skwalifikati.

Minn naħa ta' Nabab du Chatelet, misjuq b'intilliġenza kbira ta' Charles Camilleri, iddeċieda li wara biss 500 metru, jattakka lil dawk ta' quddiemu, u minkejja li kellu jagħmel dan tlieta fuq barra, xorta mar quddiem 2,000 metru mit-tmiem.

Forsi dan kien fattur li għamel it-tiġrija kemmxejn medjokri, għax ir-ritmu deher li qed ikun wieħed ftit kajman.

Iż-żiemel beda jikkontrolla kif ried hu u minkejja li matul id-distanza kien hemm xi attentati minn xi żwiemel oħra, l-ebda minn dawn qatt ma kien ta' theddida jew sfida denja.

Fil-fatt, stajna nassistu għal rebħa mill-aktar komda, li waslet quddiem Nino de Saintho, kif segwit minn Okilaibo, filwaqt li Mig Of The Wood spiċċa fir-raba' post.

Il-finali kienet imżewqa b'parata mill-finalisti, kif ukoll attendew diversi dilettanti li ġew apposta, kemm dawk b'karozzi Mustang, kif ukoll dilettanti fuq il-muturi Harley Davidson.

Kien hemm ukoll preżenti, l-Onorevoli Stefan Bountempo, li ppreżenta t-tazzi lir-rebbieħa, kif ukoll l-Onorevoli Ian Borg u l-Onorevoli Chris Agius.



### Il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2013

**Race 1 – (2140m) – Class Copper Autostart**
01. Loulou de la Rose (Carl Caruana) – Ħin: 1'16"7
02. Andri Boko (Noel Baldacchino)
03. Jibilo de Terme (Ramon Briffa)

**Race 2 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
01. Navaroso de Khepri (Rodney Gatt) – Ħin: 1'17"5
02. One Fouteau (Jonathan Zammit)
03. Louise Wood (Mark Desira)

**Race 3 – (2140m) – Class Silver Autostart**
01. Prince November (Marvin Cauchi) – Ħin: 1'17"1
02. Oscar des Racques (Clint Vassallo)
03. Nasdaq de Closet (Eugenio Zerafa)

**Race 4 – (2140m) – Class Silver Autostart**
01. Octobre en Fete (Cliferty Calleja) – Ħin: 1'16"3
02. Okir de Leau (Brian Hill)
03. Matador Knick (Carmelo Farrugia)

**Race 5 – (2640m) – Class Open Autostart**
01. Kakisis (Johann Axisa) – Ħin: 1'16"9
02. Mig Of The Wood (Noel Baldacchino)
03. Poppes Fighter (Charles Camilleri)

**Race 6 – (2140m) – Class Gold Autostart**
01. Charm Hammering (Gilbert Farrrugia) - Ħin: 1'16"0
02. Troubadour S. (Charles Farrugia)
03. Rika Rico (Shaun Portelli)

**Race 7 – (2140m) – Class Open Autostart**
01. Nabab du Chatelet (Charles Camilleri) - Ħin: 1'16"0
02. Okilalbo (Julian Farrugia)
03. Odedjalo (Noel Baldacchino)

**Race 8 – (2140m) – Class Gold Autostart**
01. Prince de Blequin (Wayne Farrugia) - Ħin: 1'16"8
04. Touch The Diamond (David Ellul)
05. Pepone de Castelet (Charles Camilleri)

### Il-Ħadd, 31 ta' Marzu, 2013

**Race 1 – (2640m) – Class Copper Autostart**
01. Lemon Solo (Etienne Farrugia) – Ħin: 1'19"4
02. Tap Dancing (Carmel Cauchi)
03. Marathon d'Isques (Charles Camilleri)

**Race 2 – (2640m) – Class Bronze Autostart**
01. Orgeat (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'17"7
02. Lutan Villetot (Eman Attard)
03. Qumran de la Motte (Francis Cassar)

**Race 3 – (2140m) – Class Silver Autostart**
01. Orio de Marancourt (Francis Cassar) – Ħin: 1'16"8
02. Osthero D'Havetot (Andrew Farrugia)
03. Cross County FC (Salvu Vella)

**Race 4 – (2140m) – Class Silver Autostart**
01. Octobre en Fete (Clifferty Calleja) – Ħin: 1'16"9
02. Pilote de Nganda (James Carabott)
03. Okir de Leau (Brian Hili)

**Race 5 – (2640m) – Class Premier Autostart**
01. Fire (Marco Refalo) – Ħin: 1'15"9
02. Label Chouan (David Ellul)
03. Shakira Trot (Charles Camilleri)








Ritratti li juru r-rebħa ta' Nabab du Chatelet fit-Tazza l-Kbira flimkien maċ-ċelebrazzjonijiet

**Race 6 – (1750m) – Open Flat Race**
01. Timolin (Ramon Grima) – Ħin: 1'49"56
02. Henderlik (Demis Zammit)
03. Privileged Boy (Oliver Briffa)

**Race 7 – (2140m) – Class Gold Autostart**
01. Pepone de Castelet (Charles Camilleri) – Ħin: 1'16"4
02. Charm Hammering (Gilbert Farrugia)
03. Skars Hanna (Jeffrey Said)

**Race 8 – (2640m) – Class Gold Autostart**
01. Nagano Phedo (Mario Fenech) – Ħin: 1'17"1
02. Carnegie Hall (Darren Mizzi)
03. Blizzard AD (Francis Cassar)

## Il-Ġimgħa, 5 ta' April, 2013

**Race 1 – (2640m) – Class Bronze Autostart**
01. Kaki de Peyrahout (Charles Farrugia) – Ħin: 1'16"7
02. Obelix Blue (Salvu Vella)
03. Hawkear (Rodney Gatt)

**Race 2 – (2640m) – Class Silver Autostart**
01. Quo Vadis Phedo (Clifferty Calleja) – Ħin: 1'18"3
02. Norfolk de Gouerie (Redent Magro)
03. Mealington (Carl Caruana)

**Race 3 – (1250m) – Class A Flat Race**
01. Quo Vadis Phedo (Clifferty Calleja) – Ħin: 1'13"2
02. Pelle de Luna (Oliver Briffa)
03. Cheeky Jack (Antonio Pappalardo)

**Race 4 – (2640m) – Class Gold Autostart**
01. Orlon De Chapeau (Chris Vassallo) – Ħin: 1'17"2
02. Natif de Salvi (Kurt Saliba)
03. Oolong (Jesmar Gafa)

**Race 5 – (2640m) – Class Copper Autostart**
01. Royal Qui (Ivan Bilocca) – Ħin: 1'17"5
02. Minou de Perdriat (Charles Farrugia)
03. Monticello (Wayne Farrugia)

**Race 6 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
01. Quingen de Bussy (Emanuel Fenech) – Ħin: 1'17"6
02. Icare de Jemma (Tony Demanuele)
03. Marchallach (Rodney Gatt)

**Race 7 – (2640m) – Class Premier Autostart**
01. Absolut Spender (Mark Desira) – Ħin: 1'16"5
02. Of Course Ramble (Eric Bezzina)
03. Olympian Major (Anthony Spagnol)

**Race 8 – (2640m) – Class Bronze Autostart**
01. Super Sport (Clifferty Calleja) – Ħin: 1'19"3
02. Jens (Alex Magro)
03. Owens Kin (Noel Baldacchino)

## Il-Ħadd, 14 ta' April, 2013

**Race 1 – (2640m) – Class Copper Autostart**
01. Jet Starline (Mario Fenech) – Ħin: 1'19"5
02. Noble Candeen (David Ellul)
03. Larissa de Breil (Clifferty Calleja)

**Race 2 – (2640m) – Class Silver Autostart**
01. Mr. Snowman (Rodney Gatt) – Ħin: 1'17"3
02. Bankir Zon (Clint Vassallo)
03. Victory Farming (Peter Paul Said)

**Race 3 – (2640m) – Class Bronze Autostart**
01. Nep (Christian Xerri) – Ħin: 1'19"4
02. Kejser Engely (Shaun Portelli)
03. Dandy (Robert Polidano)

**Race 4 – (2640m) – Class Silver Autostart**
01. Nobleness Dubrio (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'17"8
02. Max Galbe (Carmelo Agius)
03. Otas Fighter (Carl Caruana)

**Race 5 – (2640m) – Class Silver Autostart**
01. Iatas Skid (Darren Mizzi) – Ħin: 1'17"0
02. Quid de Belle Vue (Charles Camilleri)
03. Quintin Malin (Eman Attard)

**Race 6 – (2640m) – Class Open Autostart**
01. Nabab du Chatelet (Charles Camilleri) – Ħin: 1'15"9
02. Nino de Saintino (Cliferty Calleja)
03. Okilaibo (Julian Farrugia)

**Race 7 – (2640m) – Class Gold Autostart**
01. Phenix de la Roque (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"8
02. Ouistiti d'Anjou (Carl Caruana)
03. Ironbar (Julian Farrugia)

 MINN TONIO FARRUGIA

# KAMPJONAT 1957-58

# Tony Nicholl iħabbar li rtira mill-football

## L-Ewwel Ġurnata

**05-10-1957:**
**Sliema Wdrs. FC – Valletta FC 4-1**
**H.T 1-0**
**Att: 7,684**
**Skurjaw: S. Nicholl (S) 1', N. Mackay (V) pen. 50', S. Nicholl (S) 65', R. Buttiġieg (S) 66' u S. Nicholl 72'**
**Referee: Albert R. Strong (R.A.F)**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Robbie Buttigieg, Salvinu Schembri, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Maurice Walsh.

*Valletta FC:* Bertu 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Ken Everest, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Jackie Grech, Joe Cilia, Karm Borg, Colin Urpani, Josie Urpani, Silvio Rapinett, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

1. Ftit ġranet qabel din il-partita, il-player leġġendarju Tony Nicholl b'sorpriża għal kulħadd kien ħabbar li ritra mill-football. L-aħbar ma kenitx mistennija u waslet eżatt wara t-telfa ta' 3-0 li Sliema Wanderers ġarrbu kontra r-rivali Floriana fil-Final tal-Cassar Cup fid-29 ta' Settembru 1957. Nicholl kien diġà beda t-training ma' sħabu għal dan l-istaġun il-ġdid.

2. Sliema Wdrs kienu qed jilagħbu mingħajr is-centre forward tagħhom Joe Xuereb 'Il-Jockey' li kien imsiefer fuq xogħol. Huwa kien jinsab Lagos, fin-Niġerja, u minkejja li kien mistenni lura Malta, f'Diċembru, huwa baqa' barra minn Malta u tilef il-kampjonat kollu.

3. Ġimgħa wara din il-partita, il-Bord tar-Referees tal-MFA ħabbar li kien qed jissospendi lir-referee Albert Strong għal tliet ġimgħat wara li dan kien ikkonsulta mal-linesmen wara li nsistew il-players miegħu, kif ukoll talli ma rrapportax lill-players li dawruh fil-protesti tagħhom.

4. Il-player Ken Everest irritorna ma' Valletta FC wara nuqqas ta' sentejn meta fil-bidu tal-istaġun 1955-56 kien irritorna lejn l-Ingilterra fejn kien lagħab mal-club tal-amateurs Crooks Town. L-aħħar partita tiegħu ma' Valletta kienet fl-20 ta' Novembru, 1955, fir-rebħa ta' 1-0 fuq Floriana FC.

5. Għal din il-partita Valletta taw id-debutt lil Colin Urpani, ħu Josie Urpani. Mat-team Belti rritorna wkoll Jackie Grech li kien ilu nieqes mill-partita kontra l-istess Sliema Wanderers (0-7) tas-6 ta' Mejju 1956 meta kien weġġa' l-irkoppa u dam iktar minn sena barra mil-logħba.

6. It-team ta' Sliema Wanderers kien għal darb'oħra immexxi mil-coach Jock Gilmour li miegħu kienu kisbu tant suċċessi f'dawn l-aħħar sentejn. Sakemm il-coach Ingliż irritorna Malta, it-team kien qed jittrenja taħt il-player veteran Salvinu Schembri.

7. Sliema Wanderers kienu qed jilagħbu mingħajr Ġużi Cuschieri wara li fit-trasferimenti tas-sajf huma biegħuh lil Żebbuġ Rangers għal £150. Cuschieri kien ilu jilgħab mall-Wanderers mill-Kampjonat 1950-51. Player ieħor tal-Wanderers li sieħeb lil Zebbuġ Rangers kien Formosa 'Il-Pumps'.

8. Valletta FC ittrasferew lill-player Carmelo Zerafa lil Little Rainbows għas-somma ta' £90.

**06-10-1957:**
**Ħamrun Sp. FC – Hibernians FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Att: 3,271**
**Skorja: P. Buttiġieg (Ħam) 80'.**
**Referee: R.S.M Carmel Galea (R.M.A)**

*Ħamrun Sp. FC:* Johnnie Chetcuti, Pawlu Magro, Leli 'It-Tirjule' Borg, George Jones, Louis Bonello, Effie Borg, Pawlu Buttigieg, Mikiel 'Tal-Bandieri' Camilleri, Roland Magri, Romeo Psaila, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

*Hibernians FC:* William Gregory, Sunny Anastasi, Fred Barry, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Joe 'Puskas' Muscat, Fredu Church, Godwin Camilleri, Charlie 'Kinnie' Schembri, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. L-akkwisti l-ġodda ta' Hibernians kienu Piju Frendo Cumbo u l-full back Borg li fl-istaġun ta' qabel kienu jilagħbu ma' St. Patrick FC, Godwin Camilleri mingħand Floriana FC u Ċikku Xuereb 'In-Nagħġa', prodott ieħor ta' Floriana, li ġie akkwistat mingħand Vittoriosa Stars. Għal Ċikku Xuereb, Hibernians taw lil Vittoriosa lill-outside right Leli Spiteri, l-outside left Lorry Cassar u somma ta' £40.

**12-10-1957:**
**Rabat FC – St. George's FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Att: 2,228**
**Skurjaw: J. Azzopardi (R) 33' u P. Said (R) 70'.**
**Referee: Turu Lentini.**

*Rabat FC*: Edward 'Teddy' Borg, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Frank Camenzuli, John Calleja, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Charlie Theuma, Charlie 'Il-Kis' Zahra, John 'Iz-Zikzokk' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

*St. George's FC*: A. Busuttil, Willie Scerri, Magro, Freddie Delia, Bertu Schreiner, Magri, Alfred Taliana, Leli Stivala, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Salvu 'Scotch' Scicluna, Joe Mizzi.

1. L-akkwisti tat-team promoss ta' St. George's kienu Leli Stivala mingħand Vittoriosa Stars, Alfred Taliana mingħand Birkirkara u ż-żagħżugħ Freddie Delia li akkwistawh mingħand Balzan Youths. Stivala kien diġà lagħab mas-Saints meta kien għadu żgħir fil-Kampjonat 1949-50. Għal Taliana din kienet l-unika partita tiegħu ma' St. George's.

2. St. George's kienu qed jilagħbu mingħajr Peppi Delceppo u Nenu Mizzi filwaqt li Rabat kellhom nieqsa liż-żagħżugħ Twanny Vassallo kif ukoll lil zijuh Pawlu Vassallo wara li t-tnejn kienu għadhom ma rkuprawx minn uġigħ f'saqajhom. Twanny Vassallo kien għamel operazzjoni fis-sajf.

**13-10-1957:**
**Floriana FC – Birkirkara FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Att: 4,356**
**Skorja: T. Cauchi (F) 24' u 60'.**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi**

*Floriana FC:* Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu, Eddie Bonnett, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Frankie Bonello, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Birkirkara FC:* Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, Lolly Borg, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Leli 'Il-Likku' Saliba, Frans 'Il-Lula'

Bonnici, Stephen Sammut Tagliaferro, Mifsud, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Nenu Chircop.

1. Floriana kienu qed jilagħbu mingħajr il-player tagħhom Joe Cini minħabba kwistjoni li kellhom malplayer fuq xi ħlasijiet dovuti. Cini kien qed jgħid li skond ftehim milħuq mal-club Furjaniż kellu jieħu £19 tas-Servizz li kien tahom bħala coach. Il-każ li fil-bidu kien qed jinstema' quddiem l-MFA kien issa daħal il-Qorti fejn il-player kien ingħata permess mill-MFA ifittex lill-club.

2. Floriana taw ir-release lill-goalkeeper Ġużi Alamango wara li akkwistaw żewġ goalkeepers ġodda – Albert Borg li kien għadu qed jiskonta sospensjoni ta' sena minħabba reġistrazzjoni doppja u ż-żagħżugħ Freddie Mizzi li kien ġie akkwistat mingħand Melita, u li kien qed jagħmel id-debutt tiegħu mal-kbar f'din il-partita. Mizzi kien diġà ntagħżel biex jilgħab mal-MFA XI kontra Queen's Park tal-Iskozja meta kien għad għandu 15-il sena. L-MFA XI kienet it-team nazzjonali Malti ta' dak iż-żmien. Min-naħa tiegħu, Ġużi Alamango ingħaqad ma' Kirkop United F.C fit-Tielet Diviżjoni.

3. Charles Brincat kien qed jirritorna ma' Floriana wara perijodu twil nieqes minħabba uġiegħ fl-irkoppa. L-aħħar dehra tiegħu fil-kampjonat ma' Floriana kienet sena u nofs qabel meta, fl-1 ta' April, 1956, kien lagħab fir-rebħa ta' 2-1 fuq Ħamrun Spartans iżda kien ħareġ imweġġa' wara daħla fuqu minn Franġisku Formosa 'Il-Mutu'. Ir-ritorn ta' Brincat wasal fil-ħin opportun meta daħal minflok iż-żagħżugħ promettenti John Delia li ddeċieda li jieqaf mill-football għal raġunijiet personali.

4. Fredu Preca, ex-player ta' Floriana, Ħamrun Spartans u Birkirkara, u li fl-istaġun ta' qabel kien coach ta' Birkirakra, sieħeb lil Balzan Youths fit-Tielet Diviżjoni bħala player-coach.

*Klassifika*: Sliema Wdrs. FC, Floriana FC, Rabat FC u Ħamrun Sp. FC 2 pti.; Hibernians FC, Birkirkara FC, St.George's FC u Valletta FC 0 pts

*L-Aqwa Skorers*: S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 3 goals; T. Cauchi (Floriana FC) 2 goals.

# AĦBARIJIET

Fl-24 ta' Lulju, 1957, l-MFA ħabbret li d-difensur ta' Sliema Wanderers, Ġużi Bonnici, kien rebaħ l-unur ta' Footballer of the Year għall-istaġun 1956-57. L-għażla ta' Bonnici kienet waħda unanima fejn kien strumentali fit-team tal-Wanderers li fl-istaġun ta' qabel kien rebaħ il-Kampjonat, il-Cassar Cup u x-Scicluna Cup. Fit-tieni post kien spiċċa l-goalkeeper ta' Sliema Wanderers Victor Scerri fejn fost l-oħrajn kien waqqaf record fil-Kampjonat Malti meta ma kienx sofra goal fil partiti tal ewwel round.

Fit-8 ta'Awwissu, 1957, tħabbret il-mewt ta' Ġużeppi Agius 'Il-Boċċa' ex-player ta' Floriana, Hibernians u MFA XI tas-snin għoxrin u tletin. It-tifel tiegħu, Freddie Agius, kien jilgħab ma' Floriana fil-Kampjonat tar-Reserves.

Fil-ġranet tas-sajf kien hemm protesti minn xi partitarji Furjaniżi fuq il-ġurnali lokali minħabba li l-FA Trophy għamlet xi żmien fil-każin Laburista tal-Furjana. Il-club Furjaniż wieġeb li t-Trophy kienet qed tinżamm għall-wiri f'kull każin tal-Furjana li jitlob li jżommha għal xi perijodu ta' żmien.

Fl-10 ta' Settembru, 1957, fi Strada Rjali, partitarji ta' Valletta insultaw u ħebbew għal Dr. Maurice Decesare, membru fil-Kunsill tal-MFA, hekk kif dan kien għadu kif ħareġ mil-Laqgħa tal-Kunsill li fiha sitt players ta' Valletta weħlu £15 kull wieħed għal imġieba ħażina fil-final tat-Trophy kontra Floriana.

Fuq dan il-każ Valletta tressqu quddiem il-Kunsill u weħlu anke huma multa ta' £15 iżda Valletta sostnew li l-Kunsill kien qed jaġixxi barra l-poteri tiegħu (ultra vires). Huma fetħu każ kontra l-Kunsill tal-MFA quddiem il-Qorti fejn rebħu kemm il-każ fl-14 ta' Diċembru, 1957, u anke l-Appell fit-18 ta' Marzu, 1958, fejn il-Qorti ddeċidiet li Strada Rjali kienet triq pubblika u mhux ground tal-football u l-club Belti kien responsabbli tal-imġieba tal-partitarji tiegħu waqt u fi tmiem il-logħba.

L-istaġun 1957-58, fetaħ fil-21 ta' Settembru 1957, meta fis-semi-finali tal-Cassar Cup Floriana FC u Ħamrun Spartans spiċċaw fi draw ta' mingħajr goals. Floriana kienu rebħu r-replay erbat ijiem wara bl-iskor kbir ta' 7-0. Fis-semi-finali l-oħra, milgħuba ġurnata wara, Sliema Wanderers għelbu lil Valletta FC 2-0 b'goals minn Rene Formosa u Sammy Nicholl. Fil-final milgħuba, il-Ħadd, 29 ta' Settembru, Floriana kienu rebħu l-Cassar Cup meta b'wirja kbira ta' Pullu Demanuele huma kienu għelbu lil Sliema Wanderers 3-0.

B'sorpriża għal kulħadd, eżatt wara din il-Final tal-Cassar Cup, il-veteran Tony Nicholl ħabbar li dik kienet ser tkun l-aħħar partita tiegħu. Huwa kien irtira mill-football fl-età ta' 41 sena wara li kien ilu jilgħab mal-Wanderers mill-1931. Ħadd ma kien jaf li dik kienet ser tkun l-aħħar partita ta' Nicholl għalkemm fil-ġurnal *Il-Berqa* kien irrapportat li qabel il-partita hekk kif Tony Nicholl kien maġenb ir-referee, Turu Lentini, huwa kien qallu li dik kienet ser tkun l-aħħar logħba fil-karriera tiegħu.

Matul ix-xhur ta' Awwissu u Settembru kien hemm diskussjonijiet sabiex il MAFA terġa' tifforma parti mill-MFA. Il-MAFA kienet applikat biex taffilja ruħha mal-MFA bil kundizzjoni li l MFA ma torganizzax League tal-Amateur clubs. Min-naħa tagħha, l-MFA informat lill-MAFA li l-applikazzjoni riedet issir mingħajr ebda kundizzjoni. Meta l-MAFA reġgħet applikat mingħajr kundizzjoni, kienet l-MFA li informat lill-MAFA li l-applikazzjoni tiġi aċċettata bil-kundizzjoni li Charles Debono, ex-Teżorier fl-MFA u issa President tal-MAFA, kellu jitneħħa mill-MAFA minħabba li dan kien tkeċċa mill-MFA sentejn qabel. Hawn kienet il-MAFA li ma aċċettatx din il-kundizzjoni biex l-għaqda baqgħet ma seħħitx.

John Coreschi, ex-player ta' Floriana, Hibernians u Żejtun Corinthians, sieħeb lil Barking FC fl-Ingilterra. Dan it-team kienu jieħu sehem fl-Isthmian League.

Fl-1 ta' Ottubru, l-MFA ħabbret li ser ikun hemm żieda fil-prezzijiet tal-Entratura tal-Istadium minn dan l-istaġun. Il-biljetti tax-xelin saru xelin u sitt soldi filwaqt li dawk tax-xelin u nofs fil-Grand Stand saru żewġ xelini. Kienu ħafna dawk li kkonkludew li kienet din iż-żieda fil-prezzijiet li wasslet għat-tnaqqis drastiku tal-pubbliku mill-Istadium għalkemm ħafna sostnew li d-dħul tat-TV f'Malta ukoll seta' kien il-kaġun ta' dan in-nuqqas fl-attendenza.

B'rabta ma' dan is-suġġett, il-Viċi President tal-MFA Dr. Maurice Decesare, kien talab lill-Gvern sabiex is-sitt soldi żieda ma tiġix intaxxata. It-talba tiegħu però ma kenitx ġiet milqugħa. Li kieku ġiet milqugħa l-eżenzjoni mit-taxxa kienet tħalli qliegħ ta' £2000 għall-clubs tal-Ewwel Diviżjoni.

Żdied ukoll il-ħlas tar-referees fejn għall-partiti tal-Ewwel Diviżjoni l-uffiċjal tal-partita issa kien ser jitħallas £3 u linesman lira u nofs filwaqt li, għall-partiti tat-Tieni Diviżjoni, l-uffiċjal tal-partita kien ser jitħallas lira u nofs filwaqt li linesman jieħu ħmistax-il xelin.

Għall-ewwel darba minn dan l-istaġun ġiet introdotta l-Fire Engine għal-logħob tal-Ewwel Diviżjoni fl-Istadium biex tibda tintuża fil-konfront ta' folla li tkun ser taqla' l-inkwiet. Dan fuq parir minn rapport maħruġ f'Settembru, 1957, minn Kummissjoni mqabbda apposta mill-MFA biex tikkontrolla l-inkwiet fl-Istadium.

# It-Tiġrija tal-Vitorja (1990 -1999)

## L-Erbatax-il Parti





*Xena tipika fil-ħruġ ta' kull tiġrija tradizzjonali - Il-ħruġ akkanit fit-tiġrija tal-Kajjikki*

**It-tiġrija tal-Pass b'Erba' Imqadef**

Kulħadd jaf li t-tiġrija tad-dgħajjes tal-Pass b'Erba' Imqadef normalment tkun waħda deċiżiva għar-rebħ tax-Shield, madankollu nsibu edizzjonijiet fejn ix-Shield matematikament intrebħet bil-punti miksuba fit-tiġrija tal-Kajjikki, waqt li oħrajn intrebħu bi pjazzament tat-tieni jew it-tielet post.

Fortunatament, f'kull edizzjoni dejjem ikollha mill-inqas żewġ distretti jew tlieta li jkunu tal-istess kalibru, u għalhekk, peress li d-differenza ta' punti bejniethom wara t-tiġrija tal-Kajjikki tkun waħda minima, ir-rebħ tal-palju tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa jkun wieħed deċiżiv.

Normalment il-qaddiefa li jipparteċipaw fid-dgħajjes tal-Midalji jieħdu sehem ukoll f'ta' bl-Erbgħa, iżda niftakar f'edizzjonijiet (rari ħafna) fejn proprju għat-tiġrija ta' bl-Erbgħa nbiddlu xi qaddiefa. Għad-dilettanti ta' dawn it-tiġrijiet, il-palju ta' bl-Erbgħa hu meqjus bħala l-iktar palju prestiġjuż ta' kull edizzjoni, waqt li għal dawn l-aħħar 60 sena ta' tiġrijiet, il-kummentaturi sportivi, f'analiżi tagħhom fuq il-gazzetti, ir-radji u fil-programmi televiżivi, dejjem iddeskrivew lil din it-tiġrija bħala isbaħ u l-aktar waħda akkanita ta' kull edizzjoni. U issa ngħaddi biex ngħaddilkom tagħrif fil-qosor dwar din it-tiġrija akkanita u d-distretti li rnexxielhom jirbħu dan il-palju prestiġjuż bejn l-1990 u l-1999:

Fl 1990 dan il palju ntrebaħ mid-distrett ta' Bormla bl-ekwipaġġ kompost minn Charles Cassar, Ġino Cassar, Mario Azzopardi u Joseph Fava. Din it-tiġrija ġiet deskritta bħala tiġrija sabiħa fejn għal parti kbira mill-korsa assistejna għal taqtiegħa ħarxa bejn id-dgħajjes ta' Bormla u dawk ta' Marsamxett/Valletta, kif proprju se naqraw f'din is-silta meħuda minn wieħed mir-rapporti sportivi ppubblikati l-għada tar-Regatta: '*... l-aħħar tiġrija kienet għad-dgħajjes tal-Pass b'erbat Imqadef fejn għal darb'oħra rajna trijonf ieħor għad-dgħajjes ta' Bormla li spiċċaw fl-ewwel u t-tieni post waqt li Marsamxett spiċċaw it-tielet ...*' Il-ħin ta' din it-tiġrija kien ta' 5 minuti u 17-il sekonda.

Fl-1991, dan il-palju ntrebaħ mid-distrett tal-Birgu bl-ekwipaġġ ifformat mill-qaddiefa Martin Mifsud, John Elseworth, George Grech u Charles Grech. Kienet tiġrija li fiha osservajna l-isportività ġenwina li teżisti fost il-qaddiefa tagħna minkejja l-pika u r-rivalità tagħhom li tidher evidenti tul il-korsa minn Ras Ħanżir sad-Dwana l-Qadima. Silta qasira meħuda minn rapport sportiv tkellimna dwar l-andament ta' din it-tiġrija: '*... l-aħħar tiġrija fil-programm kienet dik ta' bl-Erbgħa Klassi 'B' li fiha ħadu sehem ħames distretti. L-Isla fetħu ferm qawwi bil-qaddiefa Charles Cassar, Ġino Cassar, George Pulis u Mario Farrugia u ftit bassru reazzjoni daqstant immedjata mill-qaddiefa tal-Birgu li żiedu fil-qdif tagħhom biex wara li kisbu vantaġġ ta' kważi tliet tulijiet fuq l-istess l-Isla u l-Marsa, u b'hekk ikkonfermaw il-pontenzjal tagħhom f'din il-kategorija ...*' Il-ħin ta' din it-tiġrija hu ta' 6 minuti u 20 sekonda.

Fl-1992, dan il-palju ntrebaħ mid-distrett ta' l-Isla bl-ekwipaġġ kompost minn Paul Grech, Ġino Cassar, Mario Azzopardi u Mario Farrugia. Interessanti huwa l-fatt, li bil-punti miksuba fit-tiġrija tal-Kajjikki, l-Isla kienet diġà rebħet ix-Shield, iżda deher ċar li l-qaddiefa Sengleani setgħu wkoll jirbħu l-palju ta' bl-Erbgħa u b'hekk isiru l-uniku distrett li qatt rebaħ il-ħames paljijiet tradizzjoni fl-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja. Żewġ siltiet ikellmuna dwar din ir-rebħa storika. L-ewwel silta: '*... minkejja li kellhom ir-rebħa ġewwa, il-crew tal-Isla, li kien l-istess wieħed bħal tal-Midalji, inkuruna r-rebħa billi rebaħ il-ħames u l-aħħar tiġrija f'5 minuti u 41 sekonda segwiti minn Bormla li daħlu fit-tieni post u l-Marsa li daħlet fit-tielet ...*'

It-tieni silta: '*... b'hekk, kontra t-tradizzjoni, l-aħħar tiġrija, dik ta' b'erbat imqadef ma kellhiex effett fuq ir-rebħa tax-Shield, u l-bieraħ kienet biss formalità. Minkejja Bormla offriet sfida qawwija lill-Isla, is-Sengleani spiċċaw fl-ewwel post f'5 minuti u 41 sekonda b'Bormla u l-Marsa jispiċċaw warajhom ...*'

Fl-1993, dan il-palju ntrebaħ għat-tieni darba konsekuttiva mid-distrett ta' l-Isla bl-ekwipaġġ ifformat minn Pawlu Grech, Ġino Cassar, Mario Azzopardi u Mario Farrugia. Din it-tiġrija kienet sabiħa, akkanita ħafna u qajmet eċċitament kbir fost il-partitarji ta' tliet distretti li daħlu bil-ċans li jirbħu x-Shield.

Fil-fatt, qabel ma bdiet din it-tiġrija d-differenza fil-punteġġ bejn il-Marsa u l-Isla kienet biss ta' żewġ punti: il-Marsa kellhom 38, l-Isla kellhom 36 u warajhom Marsamxett/Valletta bi 28 punt.

Għalhekk din it-tiġrija kienet waħda deċiżiva, fejn ix Shield setgħet tintrebaħ minn wieħed minn dawn it-tliet distretti. Żewġ siltiet sportivi meħudin minn żewġ rapporti sportivi jagħtuna stampa dwar l-andament ta' din it-tiġrija.

L-ewwel silta: '*... kienu l-Isla li ħarġu tajjeb ħafna u xeħtu sfida minn kmieni. Għall-*

*ewwel bdew jiġu attakkati minn diversi dgħajjes, iżda malli l-opri avviċinaw il-Ponta tal-Isla, huma qabżu fuq quddiem u r-rebħa kienet waħda ċara f'ħin ta' 5 minuti u 15-il sekonda. Kien għad fadal li jimtela t-tieni post! Għal dan il-post kien hemm taqtiegħa qalila bejn Bormla u l-Marsa - kienu l-Marsa li rebħuh filwaqt li Bormla daħlet fit-tielet post ...'*

It-tieni silta: '... *l-Isla daħlu għal din it-tiġrija bl-istess erba' qaddiefa li ddominaw f'tal-Midalji fl-ewwel tiġrija. L-Isla li kienu fuq l-ewwel lane, fuq ġewwa minn taħt il-Ponta tal-Isla fetħu fuq quddiem fejn wara li l-Birgu u l-Kalkara nqatgħu kompletament mit-tiġrija, Marsamxett/Valletta għamlu dak kollu possibbli biex iżommu l-pass mal-Marsa u Bormla biex komplew it-taqtiegħa bejniethom wara l-Isla ... fi tmien it-tiġrija kien hemm delirju kbir mill-partitarji Sengleani taħt il-Gardjola tal-Isla fejn iddominat bandiera kbira bil-kuluri tradizzjonali ħomor u sofor...'*

Fl-1994, dan il-palju ntrebaħ mid-distrett ta' Bormla bl-ekwipaġġ iffurmat minn Charles Cassar, Lawrence Attard, George Grech u Joseph Pace. Din is-sena wkoll, it-tiġrija ta-dgħajjes ta' bl-Erbgħa kienet waħda deċiżiva. Id-differenza bejn id-distretti li setgħu li jirbħu l-Aggregate Shield ta' din l-edizzjoni kienet taqra hekk: Marsa kellhom 38 punt, l-Isla kellhom 36 punt, Marsamxett kellhom 26 punt u Bormla kellhom 24 punt.

Jekk wieħed jikkunsidra d-distakk tal-punti fost dawn id-distretti, il-Marsa u l-Isla jidhru bl-akbar ċans li jirbħu x-Shield, iżda meta tqis li t-tiġrija tal-Pass b'erba' mqadef toffri l-akbar ammont ta' punti (24) tifhem li kull distrett kien għadu biċ-ċans li jirbaħha.

Ovvjament ir-rebħ tax-Shield ma kienx jiddependi biss fuq li wieħed jirbaħ it-tiġrija, iżda kien jiddependi ħafna fuq minn min kien se jispiċċa fit-tieni u t-tielet post. Żewġ siltiet meħudin minn żewġ rapporti sportivi jitkellmu dwar l-andament ta' din it-tiġrija akkanita:

L-ewwel silta: '... *bla dubju ma setax ikollna tmiem tar-Regatta isbaħ minn dak tal-bieraħ fejn rajna d-dgħajjes ta' Bormla, Marsamxett u l-Marsa jissieltu sal-aħħar qadfa biex jipprovaw jiksbu l-unuri, tant, li spiċċaw it-tellieqa b'differenza ta' ftit sekondi bogħod minn xulxin. Bormla rnexxielhom jirbħu t-tellieqa f'5 minuti u 46 sekonda, u grazzi għat-tielet post li kisbu l-Marsa u mhux t-tieni, li ntrebaħ minn Marsamxett bi ftit ċentimetri, rebħu wkoll ix-Shield...'*



*Il-qaddiefa u l-partitarji Sengleani jiċċelebraw ir-rebħ ta' l-Aggregate Shield fl-1993*

It-tieni silta: '... *id-distretti kollha ħadu sehem u fil-korsija numru 4 Bormla fetħu qawwi segwiti minn Marsamxett li fiċ-ċirkostanza aktar kienu moħbhom fil-Marsa li bdew deħlin minn korsija numru 6. Bormla, sforz l-esperjenza u t-tradizzjoni komplew jaqdfu b'saħħithom u dehru jiksbu vantaġġ minimu fuq l-istess Marsamxett/Valletta, Marsa u l-Isla sabiex għal darb'oħra l-verdett baqa' ncert. Tħabbar ir-riżultat, il-klassifika reġgħet ħadet sejra oħra, u fost ferħ, diżappunt, antagoniżmu, piki u ċelebrazzjonijiet, il-klabb Bormliż rebaħ l-40 Edizzjoni ta' l-Aggregate Shield tar-Regatta Nazzjonali...'*

Fl-1995, dan il-palju ntrebaħ mill-ġdid mid-distrett tal-Isla bl-ekwipaġġ iffurmat minn Pawlu Grech, Raphael Degiorgio, Mario Azzopardi u James Grima li ħa post Raymond Attard. Il-protagonisti ta' din it-tiġrija li kienet waħda deċiżiva għar-rebħ tax-Shield kienu l-Isla u Bormla fejn id-differenza ta' punti bejniethom kienet biss ta' 14-il punt. Minn qabel ma bdiet din it-tiġrija, deher ċar li din it-tiġrija kienet se tkun kumbattuta sal-aħħar qadfa peress li z-zewg distretti kellhom dgħajjes armati tajjeb u t-tnejn dehru tal-istess livell.

Ix-shield ta' din l-edizzjoni setgħet tintrebaħ miż-żewġ distretti, l-ewwelnett minn Bormla, jekk id-dgħajsa tagħhom tidħol l-ewwel u tal-Isla tidħol fit-tielet post jew ma tipplejsjax, inkella Bormla tidħol fit-tieni u l-Isla ma tipplejsjax. L-Isla setgħet tirbaħ ix-Shield jekk tidħol fl-ewwel post, irrispettivament jekk Bormla tidħolx fit-tieni jew fit-tielet post.

Din kienet il-pożizzjoni taż-żewġ distretti fit-tentattiv tagħhom għar-rebħ tax-Shield.

Żewġ siltiet sportivi jkellmuna dwar l-andament ta' din it-tiġrija.

L-ewwel silta: '... *kif kulħadd stenna, din it-tiġrija kienet waħda akkanita u mill-aktar eċċitanti. Mas-sinjal tat-tluq, id-dgħajjes kollha ħarġu tajjeb ħafna, iżda kienu d-dgħajjes tal-Marsa, Bormla u l-Isla li ħarbu fuq quddiem u bejniethom bdew jikkontendu l-ewwel postijiet. L-Isla u Bormla ħadu vantaġġ sostanzjali fuq quddiem u baqgħu telgħin flimkien, kważi ras imb'ras, jissieltu bejniethom biex jaqbżu fl-ewwel pożizzjoni. It-tiġrija ħadet żvolta deċiżiva meta kienu għaddew nofs il-korsa fejn hawnhekk l-Isla qabżu fl-ewwel post, Bormla jaqtgħu xi ftit lura u Marsa jirkupraw il-pożizzjoni tagħhom. L-Isla żammew l-istess qadfa u baqgħu deħlin fl-ewwel post fost għajjat kbir u kant tal-partitarji tagħhom.'*

It-tieni silta: '... *fl-aħħar tellieqa Bormla pprotestaw, iżda kien kollu għalxejn. Wieħed ma jridx jinsa jsemmi li l-Isla għaddew bi ftit lid-dgħajsa ta' Bormla, u sa tliet kwarti tal-korsa li hi twila 1040 metru minn Ras Ħanżir sad-Dwana, dawn ta' l-aħħar permezz tal-qaddiefa Lawrence Attard, li huwa player internazzjonali tal-football, Charles Cassar, Mario Vella u George Grech tħabtu ħafna biex jiksbu l-ewwel pożizzjoni iżda kien kollu għalxejn għax il-ġurnata kienet ta' l-Isla...'* Il-ħin ta'din it-tiġrija hu ta' 5 minuti u 15-il sekonda. Għal din it-tiġrija id-distrett tal-Marsa żanżan dgħajsa ġdida – Marsija.

*ikompli f'ħarġa oħra*

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBUĠĠA




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Real Madrid

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju, 2013

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Real Madrid ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 72

Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 72 huwa:

Alex Rizzo - Luqa





IRBAĦ €150 VOUCHER MA' TeamSport

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju, 2013

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem ____________

Indirizz ____________

Email ____________

# SPORTIV Tisliba

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 72

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| H | A | J | J | I | | S | U | L | L | I | V | A | N |
| A | | U | | | F | U | | O | | | I | | A |
| N | A | D | A | L | | T | A | K | E | | E | | J |
| D | | D | | I | | I | | I | S | T | R | E | S |
| B | A | | S | K | O | L | A | | P | | I | | U |
| A | | L | | K | | | I | G | O | R | | R | |
| L | O | Y | A | U | X | | R | | S | | M | I | S |
| L | | D | | | I | N | D | R | I | | | E | |
| | L | O | C | H | T | E | | | T | | L | | F |
| K | O | N | E | | W | P | | C | O | R | U | N | A |
| | U | | L | I | A | | C | | | | K | | I |
| M | I | N | T | | | I | L | L | G | N | E | R | |
| | S | | I | V | A | N | | L | | O | | U | |
| C | E | S | C | | | T | R | A | | U | M | I | T |

Ir-rebbieħ tal-Ħarġa Nru. 72 ta' Marzu 2013 huwa: Christian Muscat - Zejtun

**MIMDUDIN**

1) Il-mibki Pietro, 17-il sena bir-rekord fil-200 metru (6)
4) Mhux 'l rott (6)
8) Is-Sur Pawl, il-mibki riċenti President tal-IASC (8)
11) Gużi "....." Sciberras, eks plejer ta' Marsa FC (5)
12) Cini mexa fuq il-passi ta' missieru ma' Valletta FC (4)
13) Goal! għall-Ingliżi, ....! għat-Taljani (4)
14) Dan flok ħaxix fl-Empire Stadium u x-Schreiber (5)
19) Clijsters, numru 1 fit-Tennis fl-2003 (3)
20) St. Andrew's tat-Tielet Diviżjoni Maltija tal-Futbol (4)
21) Efan, eks attakkant Niġerjan ta' Wimbledon FC (5)
23) Rufin, eks midfilder ta' Birkirkara FC mill-Kongo (3)
25) Joe, il-mibki fundatur Kanadiż tal-IFBB (6)
28) u 37) Horst, eks kowc nazzjonali Malti tal-Futbol (5)
29) ".... Cantona", żiemel rebbieħ fil-Marsa (4)
31) Yashin, eks gowlkiper Russu ta' fama mondjali (3)
33) Demicoli, gowlkiper Maltija fil-Futbol tan-Nisa (6)
34) Titus, difensur ta' kulur ta' Sunderland FC (7)
37) Ara 28 Mimdudin
38) Tip ta' ostaklu fli sport tal-Qbiż taż-Żwiemel (4)
39) Paulo, eks attakkant ta' Flamengo u Palmeiras (5)
40) "Man-.." fil-Waterpolo (2)

**WEQFIN**

1) Chris, il-baskitboler Malti-Awstraljan ta' Siggiewi (5)
2) Yuto, wing-back Gappuniż ta' Inter FC (8)
3) John .... Riise, left wingback Norveġiż ta' Fulham FC (4)
4) Paul '.....' Gascoigne, fl-aħbarijiet dwar l-alkoħol (5)
5) Albert, eks winger Spanjol-Katalan ta' Malaga FC (5)
6) Emerson "Il-....", eks midfilder ta' AS Roma (4)
7) Aquatic Sports Association (1,1,1)
9) u 18) Roberto, 115 il-partita fid-difiża tal-Arġentina (5)
10) Luis, l-eks kowc riċenti ta' AS Roma (7)
15) u 32) "Girls on the ...." programm sportiv tal-KMS (4)
16) Klabb tal-Futbol fil-Pro League Belġjan (7)
17) Tennis Club Kordin (1,1,1)
18) Ara 12 Weqfin
19) "Bonus ....", żiemel Svediż ta' 9 snin (4)
22) Seeler, eks attakkant ta' Hamburg u l-Ġermanja (3)
24) Neil, sprinter internazzjonali Malti (7)
25) Ronnie, l-eks midfilder Irlandiż ta' Liverpool FC (6)
26) "... Malmo", tim tal-Futbol fl-Isvezja (3)
27) "Maestro d'.....", żiemel Franċiż ta' 13-il sena (6)
30) Il-homeground ta' Glasgow Rangers FC (5)
32) Ara 15 Weqfin
35) Dawra maċ-ċirkwit tal-Formula 1 (3)
36) Youth Nursery (1,1)




Dun Karm Psaila Street, Iklin
t: +356 2142 1383

TeamSporT®

NIKE adidas Reebok lotto DIADORA macron Sixtus uhlsport asics UMBRO




Red Admiral / Farfett tal-Ħurrieq




# BOV MasterCard Prepaid Cards

Sett ġdid ta' BOV MasterCard Prepaid Cards f'edizzjoni limitata bit-tema ta' friefet li naraw fil-kampanja Maltija disponibbli f'denominazzjonijiet ta' €50, €75, €100 u €150.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV MASTERCARD PREPAID CARDS**

**2131 2020 | bov.com**

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta